# RANDAN 2008

## Spunti għall-Omeliji tal-Ħdud tar-Randan, Sena A, mibnija fuq is-Siltiet Bibliċi, u l-Ittra Pastorali ta' l-Isqfijiet.

**Ħarsa ġenerali lejn is-Siltiet Bibliċi**

| ĦADD | QARI 1 | QARI 2 | VANĠELU |
|---|---|---|---|
| 1 | **Ġenesi 2, 7-9; 3,1-7** Ħolqien u dnub ta' Adam u Eva | **Rum 5,12-19** Bl-ubbidjenza ta' wieħed, il-ħafna jsiru ġusti | **Mt 4, 1-11** Ġesù jiġġarrab mix-xitan fid-deżert |
| 2 | **Ġenesi 12, 1-4a** Telaq Abram kif qallu l-Mulej | **2 Tim 1, 8b-10** Ġesù wera fid-dawl il-ħajja u l-immortalità | **Mt 17, 1-9** Tellagħhom fuq muntanja u tbiddel quddiemhom |
| 3 | **Eżodu 17, 3-7** Alla lil Mose: oħroġ l-ilma u jixrob il-poplu | **Rum. 5, 1-2, 5-8** Alla wera mħabbtu lejna meta Kristu miet għalina | **Ġw 4, 6-42** Is-Sammaritana lil Ġesù : Agħtini dan l-ilma biex ma jeħodnix l-għatx |
| 4 | **1 Sam 16, 1b. 6-7. 10-13** Niżel fuq David l-Ispirtu tal-Mulej | **Efes 5, 8-14** Imxu ta' wlied id-dawl li intom | **Ġw 9, 1-41** Mort ninħasel, u issa qiegħed nara |
| 5 | **Eżekjel 37, 12-14** Intellagħkom mill-oqbra tagħkom, u terġgħu tieħdu l-ħajja | **Rum 8, 8-11** Iqajjem għall-ħajja wkoll il-ġisem tagħkom li jmut | **Ġw 11, 1-45** Lazzru, oħroġ U dak li kien mejjet, ħareġ |

**RIMARKI**

a) L-Ewwel Qari ta' l-ewwel erba' Ħdud tar-Randan iduru mal-Personaġġi l-kbar ta' l-Istorja tas-Salvazzjoni fir-Rabta l-Qadima: Adam u Eva, Abram, Mose' u David.

b) Il-Vanġelu ta' l-ewwel żewġt iĦdud , fis-snin A, B u Ċ, huma dawk tat-Tentazzjonijiet ta' Ġesù mix-xitan fid-deżert, u tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù, fuq il-muntanja. Din is-sena billi Sena A, huma meħuda mill-Vanġelu ta' San Mattew. Bejniethom huma kważi ġabra fil-qosor taċ-ċelebrazzjoni Paskwali: it-tbatija-glorja. Mit-tfixkil fid-deżert, sal glorja fuq il-muntanja.

c) Il-Vanġeli għall-Ħdud l-oħra tar-Randan (Sena A), huma siltiet mill-isbaħ, li jservu tajjeb ħafna għal katekeżi batteżimali serja: il-konverzzazzjoni tas-Samaritana, il-fejqan ta' l-Imwieled Agħma, u l-qawmien ta' Lazzru, it-tlieta mill-Vanġelu ta' San Ġwann.

d) Fil-Liturġija nnifisha, fil-predikazzjoni, fil-katekeżi, fil-media u fil-Pastorali kollha, tajjeb infakkru dak li tgħid il-Kostituzzjoni *Sacrosanctum Concilium,* paragrafi 109 u 110, dwar ir-Randan:

- **109** Għandha ssir enfasi iżjed, kemm fil-liturġija u kemm fil-katekeżi liturġika, fuq iż-żewġ karatteristiċi ta' żmien ir-Randan li, l-aktar bit-tifkira tal-Magħmudija jew bil-preparazzjoni għaliha u bil-penitenza, iħejju l-fidili għaċ-ċelebrazzjoni tal-Misteru ta' l-Għid bis-smigħ aktar ta' sikwit tal-Kelma ta'Alla, u b'aktar talb. Għalhekk: a) għandu jsir użu ikbar mill-elementi tal-Magħmudija propji għall-Liturġija tar-Randan . . . u b) fil-katekeżi nisranija, għandha ssir insistenza, b'mod li tidħol fir-ruħ tal-fidili, mhux biss dwar il-konsegwenzi soċjali tad-dnub, iżda wkoll dwar in-natura propja tal-penitenza li tobgħod id-dnub bħala offiża lil Alla. Lanqas għandu jintesa s-sehem tal-Knisja fl-azzjoni penitenzjali. Il-fidili għandhom jitħeġġu biex jitolbu għall-midinbin.

- **110** Il-penitenza ta' żmien ir-Randan m'għandhiex tkun biss interna u individwali, imma wkoll esterna u soċjali.

e) Fil-**PASTORALI** ta' dis-sena. l-Isqfijiet kitbulna:

- *Ir-Randan hu wieħed mill-iżjed mumenti qawwija ta' matul is-sena, biex norbtu dak li qed ngħixu kuljum, mal-fidi tagħna f'Ġesù Kristu li miet u qam mill-mewt.*
- *Ma nixtiqux li Randan wara ieħor nibqgħu nisimgħu l-Kelma ta' Alla bla ma nindunaw x'hemm f'ħajjitna li jista jkun sejjer ħażin. Il-Mulej irid li nikkonvertu lejh, għaliex bih u miegħu, ħajjitna tista' tkun differenti u aħjar.*
- *Ir-Randan, ta' kull sena, jiftaħ bil-kliem tal-Profeta: "Ċarrtu qlubkom, u mhux ilbieskom", u bil-kliem ta' San Pawl: "Agħmlu ħbieb ma' Alla." kif nistgħu nisimgħu dal-kliem u donnu kollox jibqa' kif inhu?*
- *Matul iż-żmien tar-Randan, il-kliem skjavitù, deżert, art imwiegħda, ħelsien u eżilju sikwit se jidhru fil-Kelma ta' Alla li nisimgħu. Għalina dawn mhumiex biss kliem jew esperjenza ta' ħaddieħor, 'il bogħod minna.*

f) Il-Mulej qed jagħtina sena oħra, Randan ieħor ta' smigħ u riflessjoni (ara Lq 13, 6-9). ***"Aqlagħha, għax għalfejn ser tibqa' tkidd l-art?" "Inti ħalliha , sinjur, għal din is-sena, se nagħżqilha madwarha u nagħtiha d-demel. Id-dieħla għandha mnejn tagħmel il-frott. Jekk le, aqlagħha".***

# DOMANDI 2008

- L-Isqfijiet għażlu li l-isem ta' l-Ittra Pastorali tagħhom għal dan ir-Randan jkun mibni fuq żewġ domandi: ***"Xi tridu?" "X'qegħdin tfittxu?"*** (ara Ġw1,38). Domandi li saru lill-ewwel dixxipli, u li Ġesù għadu jagħmel kontinwament lid-dixxipli kollha tiegħu. Anke lilna.

- "Il-mistoqsija" hi oħt il-għerf, sakemm (a) tkun mistoqsija ta' ċerta importanza; (b) ikollha risposta matura u sinċiera; (c) tipprovoka tfittix ġenwin għall-verità.

- Fil-Vanġelu insibu mijiet ta' domandi, diversi minnhom (iktar minn 200), għamilhom Ġesù stess proprju biex jipprovoka risposti personali, li jwasslu għal konverżjoni, koerenza, entużjażmu u l-bqija.

- Fost id-domandi importanti li għamel Ġesù, fl-istess direzzjoni tad-domanda fondamentali li kkwotaw l-Isqfijiet, insibu:
  - Mt 5,13: ***"Jekk il-melħ jaqta' biex jerġa jieħu t-togħma?"***
  - Mt 16,13: ***"Min jgħidu n-nies li hu Bin il-Bniedem? Imma intom min tgħidu li jien?"***
  - Ġw 8,46: ***"Jekk ngħid il-verità, il-għala ma temmnunix?"***
  - Ġw 14,9: ***"Ili daqshekk magħkom, u għadek m'għaraftnix?"***
  - Ġw 18,4: ***"Lil min qegħdin tfittxu?"***
  - Ġw 18,23: ***"Jekk jien għedt xi ħaġa mhix sewwa, urini fejn: imma jekk għedt is-sewwa, għaliex terfa' idek fuqi?"***
  - Ġw 21,15: ***"Tħobbni int aktar minn dawn?"***
  - Lq 24,5: ***"Il-għala qegħdin tfittxuh qalb il-mejtin lil dak li hu ħaj?"***

Kollha domandi li jitolbu riflessjoni li twassal għal konverżjoni dejjem sejra, biex, kif qalulna l-Isqfijiet: "*norbtu dak li qed ngħixu kuljum mal-fidi tagħna f'Ġesù Kristu li miet u qam mill-mewt.*"

- Wieħed mill-iskopijiet il-kbar tar-Randan hu li, permezz ta' smigħ riflessiv u abbundanti tal-Kelma ta' Alla, naslu biex fil-Vġili ta' l-Għid inġeddu b'konvinzjoni, spontanjetà u entużjażmu l-Wegħdiet tal-Magħmudija tagħna. Imma anke dan it-tiġdid formalment hu risposti għal domandi-qofol, fid-direzzjoni tad-domanda msemmija mill-Isqfijiet, u mid-domandi ta' Ġesù nnifsu.

- Tiċħdu lid-dnub biex tgħixu fil-ħelsien ta' wlied Alla?
- Tiċħdu lill-qerq tal-ħażen, biex id-dnub ma jaħkimx fuqkom?
- Tiċħdu lix-xitan, li jqanqal u jħajjar għad-dnub?
- Temmnu intom f'Alla l-Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art?
- Temmnu f'Ġesù Kristu, Ibnu l-waħdieni u Sidna, li twieled min Marija Verġni, bata u miet u difnuh, qam minn bejn l-imwiet, u qiegħed fil-lemin tal-Missier?
- Temmnu fl-Ispirtu s-Santu, fil-Knisja mqaddsa Kattolika, fix-xirka tal-qaddisin, fil-maħfra tad-dnubiet, fil-qawma mill-imwiet u fil-ħajja ta' dejjem?

- Jekk inħallu l-Ispirtu tal-Mulej jaħdem fina, u ngħinuh b'katekeżi serja, talb, sawm, karità, sagramenti u l-bqija, ir-risposta konvinta tagħna għal dawn id-domandi, anke jekk bl-istess espressjoni ta' ***"iva niċħad"***, ***"iva nemmen"***, fir-rejaltà tkun qed tgħid: ***"mela f'min tridni nemmen? Mela fix tridni nemmen?"***

- Fir-riflessjonijiet tagħna dwar is-siltiet bibliċi tal-Ħadd tar-Randan (Sena A), nippruvaw niskopru x'domandi, diretti jew indiretti, ikunu qed jagħmlulna l-Vangelu, il-Konċilju u l-Ittra Pastorali, u nfittxu li nagħtu risposti ta' nsara konvinti u maturi; midinbin, imma fi proċess ta' konverżjoni kontinwa, bil-penitenzi kollha meħtieġa biex dal-proċess jinħadem b'serjetà.

## RANDAN 2008

# OMELIJA

# L-EWWEL ĦADD

**Domandi**
• ***Intom "xi tridu?"*** (Ġw1,38)
• Tiċħdu lid-dnub biex tgħixu fil-ħelsien ta' wlied Alla?
• Tiċħdu lill-qerq tal-ħażin biex id-dnub ma jaħkimx fuqkom?
• Tiċħdu lix-xitan li jqanqal u jħajjar għad-dnub?

**Mill-Ittra Pastorali:**
*Il-forzi ta' madwarna huma qawwija. Il-ħażen hu qawwi ħafna. Id-dnub għadu jeżisti, u fejn joktor, jaħkem il-qalb tal-bniedem.. L-għażliet li nagħmlu, il-kompromessi fil-valuri li nħaddnu, l-istili ta' ħajja li sikwit ngħixu, kollha jistgħu jitfgħuna f'eżilju bħal tal-Lhud. … Mhux kull għażla u kull stil ta' ħajja huma kompatibbli mal-fidi nisranija u mad-dixxipulat wara Ġesù.*

- Fl-1960 ħareġ ktieb jismu *Black Like Me*, miktub minn John Howard Griffen (1920-1980). L-istorja tal-ktieb u ta' Griffen tista' titfa' dawl kbir fuq is-solidarjetà li Ġesù wera magħna l-bnedmin fil-miżerji tagħna. Min ifittex ftit fl-Internet isib rikkezza ta' informazzjoni dettaljata, mill-iktar interessanti u utli, għar-Randan kollu. Griffen ta' 32 sena sar kattoliku. Ried jagħmel xi ħaġa prattika biex ifejjaq il-pjaga tar-razziżmu kontra s-suwed fl-Amerka. Ried jifhem lis-suwed. Kien konvint li ma setax jifhem is-suwed jekk ma "jsirx" iswed. Bl-għajnuna ta' diversi (martu, editur, dermatologu eċċ.) u b'ħafna modi, fl-aħħar sar iswed. F'xi ħin, beżà li tilef l-identità tiegħu, ta' abjad, għal kollox (ħaġa li ma xtaqx). Mar fl-Istati tan-naħa t'isfel (New Orleans, Missisippi, Alabama), u għamel esperjenza ta' 6 ġimgħat jaqla' l-insulti, il-bżieq, id-diskriminazzjoni … kollox bħas-suwed. L-esperjenza rrakkuntaha fil-ktieb *Black Like Me* (*best-seller*, inbigħ bil-miljuni, u ġie tradott f'diversi lingwi). Kellu

ħafna kunsensi. Imma n-nies ta' pajjiżu ma ħafruhilux: insultawh, heddewh, tant li kellu jitlaq mal-familja lejn il-Messiku. Imma l-kawża tiegħu imxiet 'il quddiem.

- ***Il-Verb kien Alla … Il-Verb sar bniedem u għammar fostna*** (Ġw1, 1.14)
- ***Kellu n-natura ta' Alla … ħa n-natura ta' lsir*** (Filip 2,6-7)
- ***Kien imġarrab bħalna f'kollox, minbarra fid-dnub*** (Lh. 4,15)
- ***Billi hu stess bata u kien imġarrab, jaf jgħin lil dawk li huma fit-tiġrib*** (Lk 2, 18)
- ***Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina*** (2 Kor 5,21)

- Ġesù ma sarx bniedem bħalna (bħal Griffen), biex jifhimna hu, imma biex nifhmuh aħna. Ftit ilu (13.01.08) rajnieh jinżel fil-Ġordan, jidħol fil-ħmieġ li kienu jħallu l-midinbin li jinżlu fiha; joqrob l-iktar li setà lejn dnubietna. U mhux talli ma żiedx mal-ħmieġ li sab fil-Ġordan, talli bi qdusitu (***"dan hu Ibni l-għażiż: fih sibt l-għaxqa tiegħi"***, Mt 3,17), saffa l-ilma, u tah is-setgħa li jnaddaf u jqaddes lil min jitgħammed bil-Magħmudija Tiegħu. Mhux ta' b'xejn Ġwanni ***"ma ħallihx"*** jinżel (Ġw1,14). Mhux ta' b'xejn Ġesù insista li jinżel. Mhux ta' b'xejn li Ġwanni, wara din l-esperjenza, indika lil Ġesù bħala ***"il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja"*** (Ġw 1,29).

- ***"Hu refa' fuqu il-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna."***
  ***"Il-ħażen tagħhom tgħabba bih hu".***
  ***"Kien magħdud mal-midinbin, għad li neħħa l-ħtijiet tal-kotra, u daħal għall-midinbin"*** (Is 52, 13-53,12).

\- Illum narawh jaqa' fil-livell tagħna: fid-deżert, isum u jiġġarrab mix-xitan. L-istess bħalma kienu mġarrba l-ewwel bnedmin (Qari 1).

\- Il-kuntrast bejn Adam u Eva min-naħa, u Ġesù min-naħa l-oħra, (kuntrast kummentat f'Qari 2), hu ċar. Il-bniedem ried jagħmel lilu nnifsu Alla, deherlu li hu intelliġenti aktar minnu, qagħad għat-tfesfis tax-xitan, għelbuh is-sbuħija u t-tjubija tal-frotta, u esperimenta d-

dnub, bil-konsegwenzi diżastrużi tiegħu (tilwim, tbatija, għira, xeħħa, mewt, dilluvju). Ġesù rebaħ lix-xitan billi żamm mal-Kelma ta' Alla ("hemm miktub", 3 darbiet) anke jekk setà deher "smart" ferm iktar mix-xitan. U x-xitan kellu jħallih.

- Kemm nilgħab man-nar (*T.V.*, *computer*, *chatting*, ċajt, ħbiberiji)? Kemm nagħmel paċi faċli mad-dnub ("*just friends*", "in-nies ikellmu n-nies")?

  X'qed nagħmel biex ma' Ġesù nneħħi d-dnubiet tad-dinja (inġustizzji, serq, polarizzazzjoni, politika, fanatiżmu – anke reliġjuż qerq, diskriminazzjoni)?

  L-istili ta' ħajja tiegħi li semmew l-Isqfijiet, huma kompatibbli mal-ħajja nisranija (materjaliżmu, logħob, divertiment bla ebda skruplu, infedeltà)?

# IT-TIENI ĦADD

**Domandi**

- ***"Intom xi tridu?"*** (Ġw1, 38)
- ***"Intom min tgħidu li jien?"*** (Mt16,13)
- F'min issib l-għaxqa tiegħek?
- Lil min tisma? Minn min tisma?
- Lilu tisimgħu? Kemm ? Kif? Fiex tisma'/ma tismax minnu?

**Mill-Ittra Pastorali:**

*Għal darb'oħra, il-Kelma ta' Alla rridu nħalluha tkellimna, u ddawwalna fuq dak li konkretament qed jiġri madwarna u ġo fina, biex niskopru x'qed infittxu, x'qed nistennew mill-ħajja, u x'inhi l-fidwa u l-fejqan li l-Mulej għadu qed joffrilna.*

- Alla, fil-Persuna u l-ħajja ta' Ġesù, sar BLACK LIKE ME. Bħali għamel l-esperjenza tad-deżert, tas-sawm, u tat-tiġrib mix-xitan. Daħal fix-xmara mdardra mid-dnubiet tal-bnedmin (biex saffielha l-ilma tagħha, ħalli jibda jnaddaf u jfejjaq). Imma ma riedx li din il-wirja ta' solidarjetà ġenerozzissima mad-dgħufija tagħna (li wasslitu sal-Passjoni: ***"misħut min imiss mas-salib"***, (Gal 3,13)) issir tfixkil għalina. Għalhekk, skond il-Prefazju tat-Trasfigurazzjoni, "Hu wera l-glorja tiegħu quddiem xhieda magħżula, u mela b'dija qawwija u sabiħa, il-ġisem ta' bniedem li kellu bħalna, biex is-salib ma jkunx tfixkil għad-dixxipli." Anzi ddestinana biex "ikollna sehem fin-natura divina" tiegħu, "kif hu jissieħeb magħna fin-natura tagħna l-bnedmin" (ara talb waqt l-offerti). Anzi wkoll ***"għad irid ibiddlilna l-ġisem imsejken tagħna fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu"*** (Filip. 3,21). Mhux ta' b'xejn ir-rappreżentant ta' l-umanità – fi kliem Pietru – għal dik l-esperjenza qasira tal-Bidla glorjuża ta' Ġesù, riedu jibqgħu hemm.

- Din il-Bidla parzjali u straordinarja, aħna nsejħulha Trasfigurazzjoni: Bidla speċjali. Imma fil-fatt, il-vera bidla speċjali u radikali kienet l-Inkarnazzjoni, li inkludiet il-Passjoni, meta ***"ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu … deher minn barra bħala bniedem … ċekken lilu nnifsu"*** (Filip 2,6-8). Lil Ġesù, anke bħala bniedem, jixirqulu t-Tabor, ir-Reżurrezzjoni u l-Axxensjoni, mhux il-maxtura, il-ħasil tar-riġlejn, is-salib u l-qabar. Din ta' llum hi antiċipazzjoni tat-Trasfigurazzjoni definittiva li ġa seħħet fih wara l-Qawmien u fit-Tlugħ ħdejn il-lemin tal-Missier, u sinjal bil-quddiem "li fil-ġisem kollu tal-Knisja kellha sseħħ fil-milja tagħha l-glorja tal-għaġeb li dehret tiddi fir-Ras tagħha, Kristu nnifsu" (Prefazju Trasfigurazzjoni). Dil-verità, il-Knisja tgħaġġel tfakkarilna mit-tieni Ħadd tar-Randan: mgħaġġla biex tagħmlilna kuraġġ.

- Hu proprju fih, u mertu tiegħu, li aħna nistgħu nsiru ***"ħolqien ġdid"*** (2 Kor 5,17). Fih nistgħu, u għandna "inġeddu kollox" (Efes.1,10). Dawn il-bidliet, fina u madwarna, u iktar u iktar il-Bidla finali u definittiva tagħna, ma jseħħux f'mument. Isiru fi proċess ta' trasformazzjoni, bl-għajnuna taż-żewġ ideat li tana Alla l-Missier fuq it-Tabor. Jeħtieġ li jkollna lil Ġesù bħala l-għaxqa tagħna, u li nisimgħu lilu. Min hu nisrani bla entużjażmu, sempliċiment għax inqabad hawn u ġie mgħammed; min l-għaxqa tiegħu hi f'kulħadd u f'kollox minbarra fih; min għalih Ġesù mhux prijorità assoluta; min ifittxu u jersaq lejh l-inqas possibbli; min (kif qalu l-Isqfijiet) ma jagħtix "*xhieda ċara u bla kompromess, li tissarraf f'għemil li jagħmel iktar kredibbli l-Evanġelju ta' Ġesù Kristu*"; min il-Kelma ta' Alla jevitaha kemm jista' u ma jħallihiex tinfluwenzalu l-għażliet u l-prijoritjiet tiegħu; ftit tista' ssir bidla fih.

- Jaqbel lilna li nisimgħu lilu. Dinja mingħajru dieħla ġol-ħajt tal-konfużjoni soċjali u familjari. Interessanti x'igħidilna l-Vanġelu llum. L-Appostli, rappreżentanti ta' l-umanità f'dik l-esperjenza, kienu ***"mimlijin bil-biża."*** Il-Missier qalilhom: ***"isimgħu lilu"***. U l-ewwel kelma li semgħuh igħid kienet: "qumu, tibżgħux". Jaqblilna. Hu ***"jaf x'hemm fil-bniedem"*** (Ġw2, 23-25). Jaf li l-bniedem tassew għaqli hu dak li jibni fuq il-blat tal-Kelma tiegħu u tat-tħaddim

tagħha. Dar (familja, soċjetà, Knisja) mibnija tassew fuq Kelmtu, għandha garanzija ta' solidità, perseveranza, reżistenza (Mt 7,24-27; Lq 6, 47-49). L-alternattiva hi l-gwaj li semma Isaija (5,20) u li ssemmi l-Ittra Pastorali: "*Gwaj għal dawk li jsejħu tajjeb il-ħażin, u l-ħażin tajjeb; u jibdlu d-dlam mad-dawl, li jibdlu l-morr mal-ħelu, u l-ħelu mal-morr.*" "*Dan*", qalulna l-Isqfijiet "*jisfigurana bħala poplu u bħala individwi.*"

- Nixtieq ninbidel (għall-aħjar)? Fiex nixtieq ninbidel?

  X'qed nagħmel biex ninbidel (għall-aħjar)?

  Ġesù hu ċ-ċentru ta' qalbi u ħajti? Hu l-għaxqa tiegħi?

  Fid-divertiment, l-imħabba, in-negozju, il-familja, ix-xogħol: Kemm tikkondizzjonani l-Kelma ta' Alla? Kemm nismagħha? Kif? Fejn? Determinat daqs Abram (Qari 1) li nisma l-Kelma ta' Alla u nisma minnha?

  X'bi ħsiebni nagħmel għall-Eżerċizzi dis-sena? (Nerġà) niskartahom?

  Nippretendi li jkolli Trasfigurazzjoni finali (fil-ġenna) bla ma nfittex bidla kontinwa għall-aħjar fil-ħajja nisranija tiegħi?

# IT-TIELET ĦADD

**Domandi**

- ***Intom "xi tridu?"*** (Ġw 1,38)
- ***"Ili daż-żmien kollu, u int għadek m'għaraftnix?"*** (Ġw 14,9)
- Liema ilma qed tfittex biex jaqtagħlek l-għatx tiegħek?
- Kemm inti ġenwinament interessat li timmatura bħala nisrani?

**Mill-Ittra Pastorali:**

*Aħna l-Isqfijiet qed naraw u nħossu fostna l-urġenza ta' edukazzjoni soda fil-fidi li tagħmilna tassew insara adulti, Inwiegħdu li se naħdmu b'impenn serju għal katekeżi soda f'kull livell, mit-tfulija (fl-iskejjel u l-parroċċi) sa l-età adulta.*

*Neħtieġu evanġelizazzjoni ġdida u katekeżi solida, biex il-fidi tagħna ma ssir qatt fidi tal-qoxra, mifruda mill-mod kif ngħixu. Għax jekk ma nikbrux fil-fidi, anke l-istess reliġjon tagħna tista' tkun aljenazzjoni f'ħajjitna.*

- Fl-1977, il-Papa Pawlu VI sejjaħ Sinodu ta' l-Isqfijiet, dedikat biss għall-katekeżi. Ma laħaqx kiteb l-Eżortazzjoni Apostolika li toħroġ wara kull sinodu. Pero ħariġha l-Papa Ġwanni Pawlu II fis-16 ta' Ottubru 1979, bl-isem ta' *Catechesi Tradendae*. Kienet sabiħa ħafna (ta' min jerġa' jaqraha). Insemmi ftit paragrafi.

- **5** *L-iskop definittiv tal-katekeżi hu li n-nies iġġibhom mhux biss f'kuntatt, imma f'għaqda, f'intimità ma' Ġesù Kristu.*

- **15** *Iktar ma l-Knisja (lokali jew universali) tagħti prijorità lill-katekeżi , fuq kull ħidma oħra, anke jekk tkun tidher iżjed, iktar*

*issib fil-katekeżi tisħiħ tal-ħajja ġewwinija tagħha bħala komunità ta' kredenti, u tal-ħidma tagħha bħala Knisja missjunarja.*

- 19 *Il-karattru tal-katekeżi hu li jimmatura l-fidi tal-bidu, u li jeduka lill-veru dixxiplu ta' Kristu, b'tagħrif sistematiku iktar fil-fond tal-persuna u l-messaġġ ta' Sidna Ġesù Kristu.*

- 43 *Il-katekeżi ta' l-adulti hi l-forma prinċipali ta' katekeżi, għax hi indirizzata lil persuni li għandhom l-ikbar responsabiltajiet, u l-kapaċità li jgħixu l-messaġġ Kristjan fil-forma sħiħa u żviluppata tiegħu.*

- Għaliex ġibna dawn il-kwotazzjonijiet kollha (mill-Pastorali u l-Eżortazzjoni) propju llum? Għax il-Vanġelu hu eżempju ċar, prattiku u dettaljat ta' Katekeżi ta' l-adulti fl-aqwa tagħha.

- L-inizjattiva bdiet minnu: kien hu li mar "f'belt tas-Samarija" avolja "għajjien kif kien mill-mixi". Kien hu li "qagħad bil-qiegħda" biex juri li għall-kuntatt mal-persuni li jagħtuh ċans, hu m'għandux għaġġla. Kien hu li "qagħad bilqiegħda ħdejn il-bir", fejn setà joħloq faċilment il-kuntatt man-nies, propju fl-ambjent normali tagħhom. Anzi kien hu li wera lilu nnifsu bħala dak li jixtieq jingħata servizz, iktar milli jagħtih hu: "talabha 'agħtini nixrob". Kien hu li baqa' sejjer bil-kuntatt u bid-djalogu, avolja l-ewwel rispons li kellu xejn ma kienet akkoljenti u inkoraġġanti: anzi kienet polemikuża. ġKollha messaġġi għall-edukaturi nsara: familja, skola, parroċċa, ġenituri, għalliema, katekistiħ

- Fejn l-azzjoni edukattiva u pastorali hi perseveranti, il-proċess ta' katekeżi iħalli l-frott tiegħu. Proċess: mhux mument. Fl-edukazzjoni kollha, anke nisranija, irridu paċenzja, smigħ, risposti maturi, ideat ċari, progress pass pass, minn livell għal ieħor. Bil-paċenzja u bl-imħabba, nistgħu ninkuraġixxu d-disponibilta' għal edukazzjoni ogħla fil-fidi, u nkomplu bid-djalogu anke ma' min fil-bidu juri reżistenza. Kieku Ġesù qata' qalbu u ċeda għall-ewwel reazzjoni negattiva u ta' qtigħ il-qalb, tas-Samaritana, kieku kien itellifha ċ-ċans li tiskopri lilu u l-messaġġ tiegħu.

- Fid-djalogu tiegħu mas-Sammaritana, Ġesù wera lilu nnifsu bħala l-katekist il-kbir tagħna, u mudell għal kull katekist. Telaq mis-sitwazzjoni tagħha. Talabha xi ħaġa li setgħet tagħtih ilma) u spiċċa biex taha dak li ma kellhiex (il-paċi tal-qalb li ma kenitx qed issib fit-taħwid). Għenha tirbaħ diffikultajiet ta' natura razzjali, kulturali, reliġjużi, eżistenzjali u ta' fidi. Meta beda jirbaħ il-fiduċja tagħha, iċċalinġjaha fuq problem personali. Għamlilha eżami tal-kuxjenza, u qarasha fil-laħam il-ħaj. Għollielha l-livell tal-fidi. Bdiet biex sejħitlu b'disprezz "Lhudi". Kompliet "Sidi", "Profeta", "Messija", "Kristu". U spiċċa l-katekeżi billi rrivelalha lilu nnifsu: "Jien hu li qed nitkellem miegħek". U hi qatgħet mit-tfittxija żbaljata tal-ferħ ("ħalliet il-ġarra tagħha hemmhekk"), u saret missjunarja: "reġgħet daħlet il-belt" kellmet lin-nies, u "n-nies ħarġu mill-belt u marru ħdejh."

- Lil Ġesù kemm qed inħallilu possibità li meta jfittixni isibni? Għandi ħin "x'naħli", nitkellem miegħu? Jien kuntent b'dak li (forsi) tgħallimt meta kont żgħir, fil-katekiżmu? Jinteressani ngħolli kontinwament il-livell tal-formazzjoni nisranija tiegħi? Forsi fuq id-duttrina ta' wliedi nirsisti (veru?): imma fuq l-edukazzjoni nisranija tiegħi xejn? Bl-Omelija tal-Ħadd biss naħseb li nista' nimmatura fil-fidi? Ġieli ngerger anke fuq l-Omelija: imma nfittex mumenti oħra ta' approfondiment tal-messaġġ nisrani? L-avviżi dwar formazzjoni nisranija, minn widna jidħlu u mill-oħra joħorġu? Qatt ma nikkonsidrahom għalija wkoll? Nista' ngħin fil-katekeżi ta' l-adulti, fil-komunità tagħna?

# IR-RABA' ĦADD

**Domandi**

- ***Intom "xi tridu?"*** (Ġw 1,38)
- Tixtieq tiskopri l-Qalb u l-Wiċċ ta' Kristu?
- Kieku tara wiċċ Kristu bħalissa, kif taħseb li jkun?
- Kif tixtieq tara wiċċ Kristu wara li tmut?

**Mill-Ittra Pastorali:**

*Alla llum qed ikun injorat. Ħafna jgħixu daqslikieku Alla ma jeżistix. Nixtiequ li f'dan ir-Randan inġeddu l-istedina biex, anke min iħossu fil-bogħod, jiskopri mill-ġdid il-wiċċ u l-qalb ta' Alla, li jistgħu jagħtu ħafna sens lil ħajjitna. Lil dawk imbagħad li jqisu lilhom infushom insara impenjati, inħeġġuhom jiskopru iżjed is-sens ta' missjoni lejn dawk li Alla ma jagħmilx wisq sens f'ħajjithom.*

- Dun Ġorġ Preca għandu librett, sempliċi u profond fl-istess ħin, jismu Wiċċ Kristu. Jibda b'sentenza tipika ta' mħabbtu lejn Ġesù : "*Wiċċ Kristu! La qatt kien hawn u lanqas qatt ikun hawn bħalu*". Jispiċċa b'waħda mill-isbaħ talbiet li qatt kiteb Dun Ġorġ. L-ewwel parti tgħid: "*Alla Missier, warrab il-ħarsa tiegħek mill-ħażen ta' din id-dinja, u itfagħha fuq il-Wiċċ venerabbli ta' Kristu s-Salvatur tagħha, u tgħaxxaq bih. U fl-istess ħin la tinsiex li Inti ma kontx tara dan il-Wiċċ, li kieku ma kienx id-dnub tad-dinja.*" Trid tkun qaddis biex tissogra titkellem hekk! Fil-qalba tal-libretti hemm eżerċizzju ħelu li jista' (u jmissu) jagħmlu kulħadd. Dun Ġorġ jiftakar f'min ra Wiċċ Kristu skond il-Vanġelu, u jimmaġina kif rah. Marija, Ġużeppi, ragħajja, maġi, Xmun, Anna, Għorrief, Ġwanni l-Battista . . . Anna, Kajfa, Pilatu, Erodi eċċ . . .

- Matul il-Ħdud tar-Randan, skond is-siltiet magħżula rawh 1. ix-xitan fid-deżert; 2. Pietru, Ġakbu u Ġwanni ["wiċċu jiddi bħax-Xemx"]; 3. is-Samaritana; 4. Lazzru mqajjem. Illum qed jarah għall-ewwel darba, tallab agħma mit-twelid. L-ewwel ma ra f'ħajtu kien Wiċċ il-benefattur tiegħu. Min jaf kemm rah sabiħ! Kif stampah f'qalbu! Min jaf meta ħares lejh fl-aħħar ta' l-episodju, meta skoprih bħala l-Mulej (u allura kellu fejqan sħiħ), kemm rah kbir u twajjeb? Int tixtieq tarah lil Ġesù ? Kieku tarah issa, kif taħseb li tarah? Ferħan bih? imħasseb? inkwetat? Inti skoprejtu bħala l-Mulej? X'qed tagħmel biex tiskoprih? X'kuntatt għandek miegħu? Ejja ħa mmorru? L-inqas possibli? Meta jkollok bżonn? Titlob bis-sens? Tieħu sehem konvint fl-Ewkaristija? Titgħallem fuqu? Tiskartah għal kull ħaġa ta' xejn? Dejjem l-aħħar, fil-mod kif tuża l-ħin?

- L-imwieled agħma (u tallab!) ma rax biss il-Wiċċ ta' Kristu. Ra anke qalbu (il-wiċċ mera tal-qalb). Ma nafx qattx sema' biha. Imma Ġesù, qabel ma daħal f'kuntatt miegħu, kien ġa pproteġih mill-preġudizzji (kienu stqsewh "min dineb?") Bħal fil-każ tas-Samaritana (li sabha f'nofsinhar, ħdejn il-bir ), għadda minn fejn kien l-agħma, lemħu u għenu: bħas-Samaritan it-tajjeb (Lq 10, 25-37), li kif kien għaddej minn ħdejn il-midrub "raħ, tħassru, resaq lejh", u dewwielu l-ġrieħi. Ma għaddiex mill-ġenb u baqa' sejjer. Ħa l-inizjattiva hu. Uża soluzzjoni stramba (kif spiss jagħmel) u qallu jmur jinħasel . Minkejja li l-ewwel reazzjoni ta' l-imfejjaq ma wrietx ġenerożità ta' gratitudni (sejjaħlu "wieħed raġel" u ma kienx jaf fejn hu), Ġesù baqa' jsegwih. Sema' li "qaċċtuh 'il barra mis-sinagoga", ma isibu, u kompla għenu jiskoprih (Dun Ġorġ igħid: "jiġri warajna qisu għandna bżonna!". U minn "raġel" tal-bidu, wasslu biex jiskoprih "profeta", "wieħed jibża' minn Alla", wieħed "ġej minn Alla", "Bin il-bniedem", u finalment "Mulej". Skoprih bħala "dak li qed ikellmek", li jrid komunikazzjoni miegħek.

- ***Kieku kontu tafu lili, kontu tkunu tafu lil Missieri wkoll*** (Ġw 8,19)
  ***Kieku għaraftu lili kontu tagħrfu wkoll lil Missieri*** (Ġw 4,7)
  ***Min jara lili jkun qiegħed jara lil min bagħtni*** (Ġw 12, 45)
  ***Min ra lili ra lil Missier*****i** (Ġw 14, 9)

Ritornell frekwenti. Il-Wiċċ u l-Qalb ta' Alla, li jriduna naraw l-Isqfijiet nistgħu narawhom fil-Wiċċ u l-Qalb ta' Kristu. Fi Kristu, il-Missier, mhux biss jilqa' lura lill-iben li kien tbiegħed ("lemħu, tħassru, mar b'ġirja waħda, xteħet fuq għonqu, biesu, u għamillu festa" Lq 15, 11-32), imma lill-iben li ma tbigħedx fiżikament (imma lanqas kien tant viċin, għax ma fehem xejn minn imħabbtu), billi "ma riedx jidħol ġewwa, ħareġ jitolbu jidħol". Alla li jaqa' għalina lkoll, qisu għandu bżonna.

- Taħseb li f'das-sens, fhimthom il-Wiċċ u l-Qalb ta' Alla, kif dehru f'Wiċċ u Qalb Kristu? Tħossu jiġri warajk qisu għandu bżonnok? Kemm int konvint mill-imħabba bla tarf tiegħu, għalik . . . u għall-oħrajn? Lest tallih itellagħlek il-livell tal-fidi tiegħek, b'kuntatt ġenwin u regolari miegħu? Għalik Ġesù għadu "wieħed raġel"? taf fejn joqgħod? Int, bħali, tallab u agħma mit-twelid , minħabba d-dnub, inħsilt bl-ilma tal-Magħmudija. Imma "issa qiegħed tara"? Il-Konċilju qalilna biex speċjalment fir-Randan, nitolbu għall-midinbin: jiġifieri għal dawk li b'xi mod m'humiex jaraw il-Wiċċ u l-Qalb ta' Alla. Titlob għalihom? Anke jekk taħseb li int m'intix imbiegħed, fhimtha l-imħabba ta' Alla? Tiġġudika lill-oħrajn?

# IL-ĦAMES ĦADD

**Domandi:**

***Intom "xi tridu?"*** (Ġw 1,38)
X'sens għandek ta' Alla fik, fil-familja?
X'qed tagħmel biex jikber is-sens ta' Alla fis-soċjetà?
Temmen kliem Ġesù : "kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, ikollu l-ħajja"?

**Mill-Ittra Pastorali:**

1. *Illum fil-kultura li qed ngħixu, dak li hu mhedded hija l-istess tifsira tal-ħajja tal-bniedem. U meta ħajtek ma tibqax tagħmel sens, hemmhekk tkun fl-ezilju.*

2. *F'soċjetà u kultura mingħajr Alla, hu l-istess bniedem li jispiċċa sfigurat u ferut. Anke fostna, it-telfa tas-sens ta' Alla qed izid il-feruti, il-vittmi. Il-Kelma ta' Alla, jekk niskopruha, tista' teħlisna minn dawn il-weġgħat u l-feriti. "Qum u imxi"(Atti 2,6), illum aħna ntennuha lis-soċjetà Maltija, u lil kull min, anke jekk imbiegħed, jixtieq jerġa jħalli lil Kristu jersaq lejh u jmissu, biex jikseb il-fejqan.*

- Il-Ħdud tar-Randan bdew bil-Ħolqien tal-Bniedem, u bis-solidarjetà ta' Alla mad-dgħufija tagħna: deżert, sawm, tentazzjonijiet. Il-kobor tal-bniedem ġej mill-fatt li ġie maħluq **xbieha ta' Alla** (Ġen 1,26) u mill-fatt li wara li sawru mit-trab ta' l-art (mela hu debboli u fqir), ***"nefaħlu n-nifs tal-ħajja fi mnifsejh u l-bniedem ħa r-ruħ"*** (Ġen 2,7) – mela nobbli għax jgħix b'nifs Alla fih. Xbieha ta' Alla, u b'nifsu fih. Il-bniedem bla Alla mhu xejn. Mingħajr Alla il-bniedem jitlef kull valur. Ma jistax jieħu r-ruħ mingħajr Alla. Ebda qawwa u għerf ma jistgħu jifduh. Mhux ta' b'xejn li malli warrbu

’l Alla mit-tifsila ta’ ħajjithom, ***“Adam u Eva nħbew minn wiċċ il-Mulej Alla.”*** (Ġen 3,8). Il-konsegwenza tat-twarrib ta’ Alla minn ħajjithom qrahielhom bil-miktub: “tmutu”. U l-bniedem baqa’ jmut kull darba li jwarrab lil Alla, individwalment . . . u soċjalment: qtil, dulluvju, jasar, ezilju, gwerer, ecc. Bla nifs ta’ Alla fih, il-bniedem jiżra’ u jaħsad il-mewt.

- Illum ukoll għandna żewġ siltiet oħra (Qari u Vanġelu), li huma *variations on the same theme*. Alla li jerġa’ jagħmel kbir lill-bniedem, billi jitfagħlu fih in-nifs tiegħu. (Qabel l-Omelija, bħala sfond, is-silta ta’ Eżekjel aqraha kollha: 37, 1-14). “Jien sa nġib fih ir-ruħ, u inti terġa’ tgħix.” (v5). “Ir-ruħ daħlet fihom, u reġgħu ħadu l-ħajja, u waqfu fuq riġlejhom” (v10). “Inqiegħed ruħi fikom, u terġgħu tieħdu l-ħajja” (v14). Silta meraviljuża li tagħmlilna ħafna kuraġġ. Għadam niexef qoxqox u sparpaljat mal-wied, jerġa’ jieħu n-nifs, ir-ruħ, għax il-Mulej jonfoħ fuqu. Riferenza diretta għall-ħelsien mill-eżilju ta’ Babel, u profetikament għall-fidwa mid-dnub, li ġabilna Ġesù . U llum Ġesù jqajjem wieħed li kien “ġa ilu erbat ijiem mejjet” u kien “beda jinten”. Imma ***“għal Alla m’hemm xejn li ma jistax isir”*** (Lq 1,37). U f’dal-kuntest kollu tal-qawwa ta’ Alla, u użat fl-interess tal-bniedem, Alla jagħżel li jerġa’ jidher dgħajjef: Ġesù “ħassu mnikket u mħawwad ħafna”, u “ħassu mqanqal għal darb’oħra”. U saħansitra “beka”. Alla jibki. Wiċċ Alla mxarrab bid-dmugħ.

- Il-Vanġelu jsemmi darb’oħra biss li Ġesù beka: wara d-daħla f’Ġerusalem (li nfakkru l-Ħadd li ġej). ***“Wasal qrib il-belt, u kif raha, beda jibkiha u jgħid: “mhux li għaraft xinhu ta’ ġid għalik. Imma issa dan hu moħbi minn għajnejk . . . Iġarrfu lilek u lil uliedek fih, u ma jħallulekx ġebla fuq oħra, talli m’għaraftx iż-żmien taż-żjara li saritlek”*** (Lq 19, 41-44). ***“Kemm-il darba ridt niġbor lil uliedek bħalma l-qroqqa tiġbor il-flieles taħt ġwenħajha, u int ma ridtx” “Ara, darkom iħalluhielkom ħerba”,*** talli ***“toqtol il-profeti u tħaġġar il-messaġġiera li jibgħatlek Alla”*** (Mt 23,37-39; Lq13,31-35). Din il-profezija hi applikabbli mhux biss għal Ġerusalemm, imma soċjalment għal kull soċjetà li twarrab lil Alla . . . u sekondarjament kull ma hu sagru u genwinament reliġjuż.

- Ġesù li jqajjem lil bin l-armla ta' Najm, lil Bint Gajru, u llum lil Lazzru, hu l-istess wieħed li meta ġibulu l-mifluġ biex ifejjaqlu riġlejh, l-ewwel fejjaqlu l-ispirtu tiegħu: ***"dnubitek maħfura"*** (Mt 11,2). Hu l-istess wieħed li qalilna: ***"tibżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem"*** (Lq 12,4). L-ispirtu għalih jiġi qabel il-ġisem. Spiss kien ifejjaq mill-ispirti mniġġsa.

- L-ispirtu tal-bniedem u tas-soċjetà ta' llum jeħtieġ fejqan. Bla sens ta' Alla qed nifgaw. Kif qalulna l-Isqfijiet "soċjetà u kultura mingħajr Alla" tisfigura u tferi lil bniedem. Qed jiżdiedu "l-feruti, l-imweġġgħa, il-vittmi." L-ikbar traġedja tal-bniedem ta' llum hi li jitlef lil Alla u mhux inkwetat (ara jekk jitlef kelb, ċurkett. ċwievet, passaport; jiġġennen). Biex il-bniedem jieħu r-ruħ (ara Ġen 2,7), jeħtieġ li Alla jerġa' jonfoħlu f'imnifsejh, in-nifs tiegħu. Jeħtieġ li l-Ispirtu ta' Alla, il-Mulej li jagħti l-ħajja, jonfoħ mill-ġdid fuq l-għadam niexef qoxqox u sparpaljat ta' kultura bla ruħ u bla qalb. Jeħtieġ li Ġesù jillibera l-ispirtu kkrepat tal-bniedem tal-lum, u jgħidlu: "oħroġ", kif qal lil Lazzru. Dan isir ukoll bil-koperazzjoni tagħna, li nemmnu li kull min jemmen fih, "anke jekk imut, ikollu l-ħajja." Għalih il-"mejjet" hu rieqed. Irid lilna nneħħu l-ġebla u nħollu l-faxex. Il-kbir jagħmlu Hu.

- Jinteressak li jerġa' jikber is-sens ta' Alla fik, fil-familja, fis-soċjetà? "Kieku kont hawn, ħija ma kienx imut." Temmnu li fejn m'hemmx Ġesù, ma jistax ikun hemm ħajja bis-sens? Kif qed tneħħi l-ġebel u tħoll il-faxex tiegħek, tal-familja, tas-soċjetà?

## RANDAN 2008

# EŻERĊIZZI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

**1. L-identità tan-Nisrani**

1. X'inhu dak li lili jagħtini identità ta' nisrani?
2. Dak li jagħmel sens f'ħajti jaqbel ma' dak li jagħmel nisrani ġenwin?
3. Fejn qed ninfixel? X'konsegwenza għandu dan f'ħajti? Tgħid il-vojt hemm qiegħed?
4. Għandi mument għal riflessjoni ? Inħobb lili nnifsi daqshekk li nfittex li nagħmel il-mistoqsija : 'jien qed infittex dak li hu veru u sabiħ?'

**KELMA**

***Iż-żagħżugħ għani: "X'għandi nagħmel?"*** (Mt 19, 16-22)
***"Jien Hu d-dawl, il-verità, il-ħajja"*** (Ġw 14, 1-7)
***"Mulej, agħmel li jiena nara".*** (Lq 18, 35 – 43)

**MUDELLI**

Żgħażagħ oħra li wkoll qed jitħabtu biex ifittxu l-verità. Dawn qed jagħtu lilhom infushom ċans li jiġu *challenged*, ifittxu t-tagħlim, jistaqsu u jixtarru.

Fl-istess ħin jagħtu minn ħinhom sabiex ikunu ta' servizz għall-oħrajn; ifittxu li jingħaqdu ma' żgħażagħ oħra sabiex jiċċelebraw il-ħajja.
Kuntrast ma' mudelli li jeżistu fis-soċjetà li filwaqt li jfittxu l-popolarità juru vojt kbir f'ħajjithom u juru nuqqas ta' ħila sabiex jibnu relazzjonijiet sbieħ u ġenwini.

---

**2. Il-vojt f'ħajti?**

1. Il-Vojt huwa realtà għal ħafna żgħażagħ. Nistgħu infissruh? Nistgħu nagħtuh identità?

2. Fejn jinħass l-aktar dan il-vojt; lil hinn minni jew ġewwa fija?
3. Kategoriji ta' persuni:
   a) Dawk li jħossu xi ħaġa nieqsa f'ħajjithom iżda qatt ma jagħtuha l-isem ta' 'vojt'. Forsi tinħeba taħt termini bħal 'għeja', stress, mumenti iebsa.
   b) Dawk li jagħrfu li ġo fihom hemm vojt, iżda jipprovaw jimlewh b'affarijiet li jtaffu dan l-uġiegħ għal ftit żmien. Kull ma rridu huwa ftit 'buzz'. Ħarba mir-realtà.
   c) Dawk li huma konxji mill-vojt, forsi ppruvaw jimlewh xi drabi, iżda ntebħu li baqa' aktar vojt u jixtiequ b'mod ġenwin jiskopru min u x'inhu li tassew jista' jimla dan il-vojt.

**KELMA**

***"Mulej għand min tridna mmorru..."*** (Ġw 7, 60-71)

***"Ħares lejn il-folla u tħassarhom, għax kienu qishom merħla bla ragħaj..."*** (Mk 6, 34)

**MUDELLI**

Żgħażagħ li lesti jammettu li dak li toffri d-dinja għandu valur għal ftit żmien, allura jfittxu li jimpenjaw ruħhom biex jagħarfu u jgħixu l-kelma ta' Alla. Komunitajiet żgħar...

Żgħażagħ li jimpenjaw ruħhom f'attività li tgħolli l-valur tal-ħajja u tħares l-ambjent.

Żgħażagħ li lesti li jitkellmu għall-paċi u l-ġustizzja.

---

**3. Għażliet li nagħmlu f'ħajjitna**

1. X'bidliet qed isiru fir-relazzjonijiet illum? X'tifsira għandha li "nkunu qrib ta' xulxin"?
2. X'qedgħin infittxu fir-relazzjonijiet tagħna? Minn xiex inkejlu l-valur ta' relazzjoni?
3. Lesti li nistinkaw sabiex nibnu aktar aċċettazzjoni quddiem diversità ta' twemmin, kulturi, opinjoni politika? ġudizzji u preġudizzji; inklużjoni.
4. Kemm aħna konxji ta' l-influenzi fuq l-għażliet tagħna?

**KELMA**

***Kif tista' tħobb lill-Alla li qatt ma rajt jekk ma tħobbx lil ħuk...*** (1 Gw 4, 20)

**MUDELLI**

Social workers, nurses, voluntiera żgħażagħ...u l-vokazzjonijiet l-oħra li jagħtu lok għal servizz għall-oħrajn.

---

**4. It-tiftix għall-verità**

1. Dak li dejjem emminna qed jgħaddi mill-għarbiel ta' kif qed ngħixu bl-eżistenzi tal-lum?
2. Qegħdin infittxu t-tagħlim dwar il-verità tal-ħajja?
3. Dak li qed naċċettaw f'ħajjitna jaghmel sens? Jew qed naċċettaw mingħajr ma nistaqsu l-valur?
4. Inħossu l-bżonn li nevanġelizzaw lilna nfusna?
5. X'nifhmu aħna stess meta nitkellmu dwar Alla?

**KELMA**

***"Alla Huwa Mħabba"*** (1 Gw 4, 8)
***"Alla hekk ħabb id-dinja li bagħat lill-Ibnu...."*** (Il-persuna ta' Ġesù). (Gw 3, 16)

**MUDELLI**

Żgħażagħ li jaslu biex jagħtu ħajjithom għal Alla, sew fis-sagrament taż-żwieġ kif ukoll fil-ħajja konsagrata.

---

**5. Xhieda**

1. Kemm jiena konsistenti bejn dak li nemmen u dak li ngħix?
2. X'inħoss lejn min huwa differenti minni fix-xejra politika; fit-twemmin; fil-kultura?
3. Il-fidi tiegħi iġġiegħlni nħossni inferjuri, jew tqawwini?
4. Nemmen li l-fidi tiegħi iġġib differenza f'ta' madwari?

**KELMA**

***"Nibgħatilkom dak li wegħidkom Missieri..."*** (Lq 24, 46-49)
***"U intom u sejrin, xandru u ghidu: 'Qorbot is-saltna tas-smewwiet..."*** (Mt 10, 7-8)

**MUDELLI:**

Żgħażagħ li jingħaqdu f'komunitajiet ta' talb u servizz. Żgħażagħ li jagħtu mill-ħin tagħhom biex jaqsmu l-fidi tagħhom ma' żgħażagħ oħra. Żgħażagħ li jgħaqqdu flimkien il-kwalitajiet personali u t-twemmin tagħhom u jsarrfuhom f'ħidma umanitarja ma' persuna f'diffikultajiet, kemm Malta kif ukoll f'pajjiżi oħra.

**Għajuniet oħrajn:**

- "Receive the Power...": sussidju ta' riżorsi miġbur mill-KDZ bis-sehem ta' diversi gruppi u organizzazzjonijiet. Jista' jiġi mniżżel minn: www.kdz.org.mt
- Sussidju fuq it-tema ta' Atti 1, 8 ippreparat mis-"Servizio nazionale per la pastorale giovanile". Jista' jigi mniżżel minn www.gmg2008.it
- Materjal varju fuq Atti 1, 8 li jinsab fil-websajt uffiċjali tal-*World Youth Day*: www.wyd2008.org
- Sussidji ta' *powerpoints,* ritratti u materjal ieħor: www.forza9.com
- Websajt mimlija riżorsi għal matul ir-Randan: www.textweek.com/lent.htm
- Lista ta' diversi websites b'materjal varju għar-Randan: www.forza9.com/links/~links.htm
- Materjal varju mir-*Resource Centre* fil-KDŻ
- Materjal varju mir-*Resource Centre* fis-Segretarjat għall-Katekeżi

## RANDAN 2008

# EŻERĊIZZI GĦALL-MIŻŻEWĠIN

## 1. Xi tridu? X'qegħdin tfittxu?

**1.1. Ir-Randan: "żmien qawwi" fil-Liturġija/fil-ħajja nisranija, żmien li matulu jseħħ kliem il-profeta: "Ara, għad jiġi żmien, oraklu ta' Sidi l-Mulej, meta nibgħat il-ġuħ fuq l-art; mhux il-ġuħ tal-ħobż, lanqas l-għatx għall-ilma, iżda għas-smigħ tal-kelma tal-Mulej" (Għam 8,11). Huwa żmien opportun meta kliem Kristu fl-Apokalissi suppost jidwi f'widnejn il-miżżewġin insara: "Ara, jiena fil-bieb, u qiegħed inħabbat; jekk xi ħadd jismagħni u jiftaħli l-bieb, jien nidħol għandu u niekol miegħu, u hu jiekol miegħi" (3,20)**

1.1.1. Ir-Randan hu wieħed mill-iżjed mumenti qawwija biex DAK LI QED NGĦIXU NORBTUH MAL-FIDI TAGĦNA F'ĠESÙ KRISTU li miet u qam mill-mewt.

1.1.2. Il-*Padres* tal-Konċilju Vatikan II jagħlqu d-diskors tagħhom dwar il-promozzjoni tad-dinjità taż-żwieġ u l-familja billi jorbtu intimament dawn iż-żewġ għamliet ta' ħajja li l-membri jgħixu taħt saqaf wieħed mal-għajxien tal-Misteru ta' l-Għid tal-Mulej Ġesù (GS 52). Fl-aħħar mill-aħħar Ġesù stess fisser il-Misteru ta' l-Għid tiegħu billi daħal fil-familja, meta qal: ***"Il-Mara, meta tkun se tiled tħossha mdejqa, għax tkun waslet is-siegħa tagħha; iżda meta tkun twieldet it-tarbija, ma tiftakarx iżjed fl-uġiegħ, bil-ferħ li twieled bniedem fid-dinja"*** (Ġw 16, 21).

Tajjeb niftakru li l-ispiritwalità taż-żwieġ nisrani tibqa' kontinwament marbuta mas-sagrament tal-

maghħmudija. Minħabba din ir-raġuni, iż-żwieġ nisrani l-lum qed isibuh bħala l-'magħmudija tal-koppja'
L-Għid Salmura taż-Żwieġ Nisrani: Ara W.Axiaq, Iż-żwieġ nisrani: don-kisba-qadi, Reliġjon u Ħajja, Malta, 2004, p.62

1.1.3. Ir-Randan hu "stedina" sew lil min hu "midħla tal-Knisja" u sew lil "min tbiegħed" mill-Knisja.Ġesù ma ġiex biex isejjah il-ġusti imma lill-midinbin. L-konverżjoni tas-Samaritana – il-mara li żżewġet ħames darbiet u r-raġel li kienet qed tgħix miegħu, sakemm iltaqgħet ma' Ġesù u biddlet ħajjitha, ma kienx tagħha – għandha ħafna x'tgħidilna hawnhekk (Ġw 4, 1-42).

## 1.2. Il-Mistoqsija: X'qegħdin tfittxu? (Ġw 1,37)

1.2.1. Ġesù jistaqsi lil Indrì u lid-dixxiplu l-ieħor: Ġesù "jisfida" lil min irid jimxi warajh: "Min irid jimxi warajja..." (Mt 16,24). L-isfida mhix faċli speċjalment fid-dinja tal-lum. Hija iebsa, imma min ma jibżax minnha u jaffrontaha jikseb il-ħelsien spiritwali. "Minn żmien Ġwanni l-Battista sal-lum is-Saltna tas-Smewwiet il-bnedmin qegħdin jitħabtu bis-sħiħ għaliha u dawk li jitħabtu bis-sħiħ jaħtfuha" (Mt 11,12) ... ***"Min isib lil ħajtu, jitlifha; u min jitlef ħajtu minħabba fija, isibha"*** (Mt 10,39).

1.2.2. L-Isqfijiet jagħmlu l-istess mistoqsija fil-Pastorali tar-Randan: huma mistoqsijiet fundamentali għal kull bniedem:

- Xi tridu? X'qegħdin tfittxu? Ħajja faċli, kumdità, divertiment, ġenna fl-art, żwieġ irħis...?

"Għaliex taħlu fluskom f'dak li m'huwiex ħobż, u ġidkom f'dak li ma jxebbah?" (Is 55,2) ... ***"Kull min jixrob minn dan l-ilma jerġa' jagħtih l-għatx"*** (Ġw 4, 13)

X'qed tistennew mill-ħajja? X'qegħdin infittxu fil-ħajja?

- Il-vojt li sikwit inħossu fina biex qed nimlewh? Bidduħħan li qed jipproponulna l-mezzi tax-xandir, li jridu jneżżgħu ż-żwieġ nisrani mis-sbuħija sagramentali tiegħu u jbiegħdu lill-miżżewġin u lill-ġenituri nsara milli jgħixu b'impenn l-Evanġelju taż-żwieġ u tal-familja?

## 1.3. It-tweġiba ta' l-Isqfijiet (tal-Knisja):

1.3.1. Quddiem dan kollu li n-nies illum teħtieġ u qed tfittex (l-isqfijiet/il-Knisja) nirrepetu l-ġest ta' Pietru mat-tallab ħdejn il-biex tat-Tempju msejjaħ "is-Sabiħ": ***"Fidda u deheb m'għandix, imma minn dak li għandi se nagħtik: f'isem Ġesù Kristu: qum u imxi!"*** (Atti 3,6)

## 1.4. "Qum u imxi": Ir-Randan żmien ta' "konverżjoni"

1.4.1. Mill-Pastorali: "Ma nixtiequx li Randan wara l-ieħor nibqgħu nisimgħu l-Kelma t'Alla bla ma nindunaw x'hemm f'ħajjitna li jista' jkun sejjer ħażin". Kemm ilna nisimgħu l-Eżerċizzi tar-Randan flimkien ħajjitna qed tinbidel bla heda jew le? Qed naħdmu minn Randan għal ieħor fuqna nfusna biex fiż-żwieġ tagħna nilbsu'l Kristu?

1.4.2. Il-Mulej jistedinna kontinwament "induru lejh" (nikkonvertu) għaliex bih u miegħu ħajjitna tista' tkun differenti u aħjar:

- Mill-Kelma t'Alla: ***"Ċarrtu qlubkom u mhux ilbieskom"*** (Ġoel 2,13); ***"Ħallu lil Alla jħabbibkom miegħu"*** (2 Kor 5,20)

1.4.3. Din hi l-fidwa u l-fejqan li l-Mulej qed joffrilna: kif nistgħu nisimgħu dan il-kliem u kollox jibqa' kif inhu?

## 1.5. L-"armi" li l-Knisja toffrilna fir-Randan:

1.5.1. Mill-Pastorali: l-armi tat-talb – tas-sawm – tal-karità ***"Għalhekk, kull min jisma' dan kliemi u jagħmel li qiegħed ingħid jien, isir jixbah lil bniedem għaqli li bena daru fuq il-blat. Niżlet ix-xita, ġew il-widien, qamu l-irwiefen u ħabtu fuq dik id-dar, iżda ma ġġarrfitx, għax kellha s-sisien tagħha fuq il-blat..."*** (Mt 7,24-27) ... ***"Ma tafux li l-ġerrejja fl-istadju kollha jiġru, imma l-premju wieħed jirbħu? Iġru, mela, ħalli tirbħu. Kull atleta jiċċaħħad minn kollox – u dawn biex jirbħu kuruna midbiela, imma aħna, waħda li ma tidbielx. Jien issa hekk niġri, mhux qisni bl-addoċċ; ma nissarax bħallikieku qiegħed nagħti fil-vojt..."*** (1 Kor 9, 24-27) ... ***"Mill-bqija, twettqu fil-Mulej u ssaħħu bil-qawwa tiegħu. Ilbsu l-armatura t'Alla biex tkunu tifilhu tieqfu għat-tnassis tax-Xitan. Għax il-ġlieda tagħna m'hiex kontra d-demm u l-laħam, imma kontra s-Setgħat, kontra l-Qawwiet, kontra l-Prinċpijiet ta' din id-dinja ta' dlamijiet, kontra l-ispirti ħżiena li jgħammru fil-wisa' tas-smewwiet..."*** (Ef 6, 10-18).
Sewwa qal xi ħadd li t-theddida il-lum (kontra l-valuri taż-żwieġ u l-familja m'hiex ta' *air raids* imma ta' *air waves* ... ideat strambi, ambigwi u perikolużi li hawn jiġru fl-arja u jkunu trasmessi fuq il-mezzi eletroniċi tal-lum...

1.5.2. Biex tagħmel it-tajjeb trid tikkumbatti, u trid tkun b'saħħtek spiritwalment.
Ara l-kapitlu 'Saghtejn ġabra fid-dar', P.W.Axiaq, op.cit., p.58

1.5.3. Mingħajr il-qawwa ta' Alla nkunu dgħajfa, ninġarru mal-kurrent, nitilfu l-ħeġġa u l-imħabba lejn Alla ***"Għal kollox niflah bis-saħħa ta' dak li jqawwini"*** (Fil 4,13) ... ***"Skond il-bniedem ta' ġewwa togħġobni l-ligi t'Alla; iżda nilmah fil-membri ta' ġismi, liġi oħra titqabad kontra l-liġi ta' moħħi u tjassarni taħt il-liġi tad-dnub li hemm ġo ġismi. Imsejken bniedem li jien! Min se jeħlisni minndan il-ġisem tal-mewt? Niżżi ħajr! Alla permezz ta' Ġesù Kristu sidna!"*** (Rum 7, 22-25)

## 2. Aħna aljenati?

### 2.1. Ħarsa madwarna:

2.1.1. Mill-Pastorali: *"Meta nħarsu madwarna, flimkien ma' tant tajjeb hemm ħafna x'jinkwetana."*
Hawnhekk nagħmlu tajjeb infakkru lill-miżżewġin fil-parabbola tal-qamħ u s-sikrana u nikkummentaw fuq il-vers ***"iżda x'hin in-nies kienu reqdin, ġie l-għadu tiegħu, żera' s-sikrana qalb il-qamħ u telaq"*** (Mt 13, 25). Nagħmlu tajjeb jekk ma ninsewx il-parabbola tal-pranzu fejn jissemma ż-żwieġ (Lq 14, 15-24)

- X'inhu dak li qed imewwet il-fidi?
  Nuqqas ta' waqfien mill-għaġġla tal-ħajja u riflessjoni. San Ġorġ Preca, fid-dawl tat-test Ger 12,11 mid-*Douay Version*, kien iħobb igħid lis-soċji tal-Museum: *"L-art mimlija deżolazzjoni għax ftit huma dawk li jafu jaħsbu f'qalbhom"*

2.1.2. Mill-Pastorali: *"Il-Poplu tagħna bħall-poplu Lhudi nħossuh għaddej mill-istess esperjenza ta' fidi u dgħjufija."* Hawnhekk joqgħod tajjeb kliem San Pawl lill-Korintin 1 Kor 10,1-13

2.1.3. Mill-Pastorali: *"Il-Poplu Lhudi għex fl-iskjavitù u*

*għadda minn mixja twila sa ma l-Mulej wasslu fl-art imwiegħda u kiseb ħelsien sħiħ.”*

- Fir-Randan irridu nagħmlu l-istess mixja u nħallu l-Mulej jaħdem fina biex ngħaddu mill-iskjavitù tad-dnub għall-ħelsien sħiħ. Dan il-ħelsien Ġesù fissru sew fl-Evanġelju(Ġw 8,31-36)

2.1.4. Mill-Pastorali: *“Il-Poplu Lhudi dak il-ħelsien malajr tilfu u kienet l-esperjenza qarsa ta’ l-eżilju f’Babel li swietlu biex jerġa’ jqum fuq saqajh u jimmatura fil-fidi tiegħu.”*

- Aħna għaddejjin mill-istess esperjenza.

**2.2. Fejn qed nitfixklu?:**

2.2.1. Mill-Pastorali: *“Dak li dejjem emminna qed jgħaddi mill-għarbiel ta’ kif qed ngħixu bl-eżiġenzi tal-lum.”*
*“Il-bniedem naturali ma jilqax il-ħwejjeġ ta’ l-Ispirtu t’Alla: għalih huma kollha bluha, ma jistax jifhimhom, għaliex ħadd ma jista’ jgħarbilhom jekk mhux bl-Ispirtu. Il-bniedem spiritwali jgħarbel kollox, u lilu ma jgħarblu ħadd. Min hu dak li jista’ jifhem il-ħsieb tal-Mulej biex ikun jista’ jgħallmu? Imma aħna, aħna għandna fina l-ħsieb ta’ Kristu”* (1 Kor 2, 14-16)

- Din is-sentenza hija tajba u qawwija ħafna u jeħtieġ li nfissru x’qed ngħidu biha.

2.2.2. Mill-Pastorali: *“Sikwit ninfixlu x’irridu u x’qed infittxu u ma nibqgħux naraw sens fil-fidi li rċevejna.”*

2.2.3. Mill-Pastorali: *“Qed nitfixklu dwar liema huma l-valuri (awtentiċi) li jistgħu jżommuna flimkien.”*

2.2.4. Mill-Pastorali: *"Qed nitfixklu dwar liema huma l-virtujiet li jistgħu jżommuna fuq saqajna biex is-soċjetà tagħna tkun waħda li tassew tgħollina fid-dinjità u mhux tbaxxina u tirrendina vittmi."*
Meta tagħmel ħafna xita u jkun għaddej il-kurrenti, jekk isib bott tal-ħalib vojt mill-ewwel iġorru miegħu, għax mhux mimli. Bott mimli mhux la kemm iġorru miegħu malajr. Hekk jiġrilna l-lum jekk il-valuri taż-żwieġ u tal-familja ma jkunux magħquda fina.

- Sentenza sabiħa li titlob tifsira!

## 3. Xhieda ċara u bla kompromessi

### 3.1. Ir-reliġjożità tagħna: "Quddiem Alla u Missierna t-tjieba (reliġjon) safja u bla tebgħa hija din: iżżur l-iltiema u r-romol fil-hemm tagħhom, u żżomm ruħek bla tinġis 'il bogħod mid-dinja" (Ġak 1,27)

### 3.2. L-eżiġenza tax-xhieda tal-fidi:

3.2.1. Mill-Pastorali: *"Pajjiżna qed jitlob minna li ngħidu li nemmnu. Xhieda ċara u bla kompromessi li tissarraf f'għemil li jagħmel aktar kredibbli l-Vanġeli ta' Kristu."*
***"Intom id-dawl tad-dinja. Belt li tkun qiegħda fuq muntanja ma tistax tinħeba. Anqas ma jixegħlu l-musbieħ u jqegħduh taħt il-mod, iżda fuq l-imnara, u hekk idawwal lil kull min ikun fid-dar. Hekk għadu jiddi d-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin, biex jaraw l-għemejjel tajba tagħkom u jagħtu glorja lil Missierkom li hu fis-smewwiet"*** (Mt 5,14-16)
***"Agħmlu kollox mingħajr tgemgim u mingħajr tlaqliq, ħalli tkunu nies mingħajr għajb u safja, ulied Alla bla tebgħa f'nofs bnedmin ta' ħajja mgħawġa***

***u mħassra; fosthom intom għandkom tiddu fid-dinja bħal kwiekeb u dawlulhom il-Kelma tal-ħajja"*** (Fil 2,14-16)

3.2.2. Mill-Kelma t'Alla: ***"Kunu dejjem lesti biex tagħtu tweġiba lil kull min jitlobkom il-għala tat-tama li għandkom."*** (1 Pt 3,15). ***Il-miżżewġin iridu jxerrdu madwarhom iul-fwieħa tat-tagħrif tiegħu*** (2 Kor 2, 14). ***Iridu jkunu bħal Akwila u Prixxilla dejjem lesti biex jagħmlu appostolat*** (Atti 18, 24-26)

## 3.3. L-ambjent proprju tax-xhieda tal-lajċi nsara:

3.3.1. fil-familja, xogħol, fid-divertiment, fil-*business*, fil-festi, eċċ. F'dawn l-ambjenti kollha

## 3.4. Il-ħtieġa tal-formazzjoni fil-fidi:

3.4.1. Mill-Pastorali: *"Neħtieġu evanġelizzazzjoni ġdida u katekeżi soda."*
***"Minħabba d-doni tat-tagħlim isiru jogħġbuh"*** (Għerf 7,14)

3.4.2. ***Biex il-fidi tagħna ma ssirx fidi tal-qoxra mifruda mill-mod kif ngħixu*** (Gak 2, 14-26)

3.4.3. Ir-riskju li nemmnu mod (nhar ta' Ħadd!) u nagħmlu mod ieħor (matul il-ġimgħa... jekk mhux il-Ħadd ukoll!). ***"Dak li nżera' f'art kollha blat huwa dak li jisma' l-kelma u jilqagħha minnufih bil-ferħ; imma għeruq ma jkollux, u għalhekk ftit idum; imbagħad jiġi fuqu l-għawġ, jew isib min iħabbtu minħabba l-kelma, u malajr jitfixkel. Dak li nżera' qalb ix-xewk huwa dak li jisma' l-kelma, iżda l-inkwiet żejjed għall-ħwejjeġ tad-dinja u l-ġibda għall-ġid ta' l-art***

***joħonqulu l-kelma, li għalhekk ma tagħmilx frott”*** (Mt 13, 20-22)

3.4.4. Mill-Pastorali: *“Jekk ma nikbrux fil-fidi anke l-istess reliġjon tagħna tista’ tkun aljenazzjoni f’ħajjitna”* (sempliċi folklor u drawwiet). Inkunu qed nilgħabu tal-knisja imma ma nkunux nies tal-Knisja

# 4. L-urġenza ta’ Katekeżi soda

## 4.1. L-esperjenza ta’ l-eżilju f’Babel tal-Poplu Lhudi

4.1.1. ***Mill-Pastorali:*** *“Meta l-poplu Lhudi jew kien dgħajjef jew kien wisq ċert minnu nnifsu kien faċli jintrebaħ mill-forzi ta’ madwaru u spiċċa fl-eżilju ta’ Babel. Dan jista’ jiġri lilna.”*
Aħna l-Maltin li niftaħru li ż-żwieġ u l-familja Maltija huma sodi rridu niftakru x’kien qal San Pawl: ***“Min jidhirlu li hu wieqaf, joqgħod attent li ma jaqax”*** (1 Kor 10, 12)

4.1.2. ***Mill-Pastorali:*** *“Aħna niftaħru bil-qalb kbira bħala poplu u niftaħru bl-identità tagħna bħala poplu nisrani. Imma llum dan mhux biżżejjed.”*

4.1.3. Għaliex? ***Mill-Pastorali:***

- ***“Għax il-forzi ta’ madwarna huma qawwija. “Ejjew inwarrbu minna kull xkiel u kull dnub li malajr ifixkilna...”*** (Lhud 12, 1-3). Ara W.Axiaq, Ittra ta’ Pawlu lill-Maltin tal-lum, PEG, 2000
- Il-ħażen hu qawwi ħafna (Lq 11,14-23). Ara ‘Opinjonijiet pubbliċi kontra l-fedeltà fiż-żwieġ’, Il-Ġens illum, is-Sibt 7 t’Awissu 2004, p.15 ... ‘Il-brikkunati kontra l-qdusija taż-żwieġ’, Il-Ġens illum, is-Sibt 3 ta’ Lulju 2004, p.20 ... ‘Fehmiet webbilin kontra l-qdusija taż-żwieġ nisrani’, Il-Ġens illum, is-

Sibt 9 ta' Settembru 2006, p.15 ... "Ħelsien mill-kefrija u d-dannu tal-psikologija tal-massa', Il-Ġens illum, is-Sibt 10 ta' Diċembru 2005, p.20 ... 'Bid-divorzju u mingħajru mhux l-istess!', Il-Ġens illum, is-Sibt 24 ta' Marzu 2007, p.15

- Id-dnub għadu jeżisti u fejn joktor jaħkem il-qalb tal-bniedem."
  ***"Għax is-seher tal-ħażen idallam it-tajjeb, u rwiefen il-passjoni jdawwru l-moħħ bla qerq"***(Għerf 4,12)

## 4.2. Konsegwenzi:

4.2.1. Mill-Pastorali: "L-għażliet li nagħmlu, il-kompromessi fil-valuri, l-istil ta' ħajja li sikwit ngħixu... dawn kollha jistgħu bħal-Lhud fl-imgħoddi jitfgħuna f'eżilju jixbaħ lil tagħhom."

4.2.2. Il-Kompromessi:

4.2.2.1. Mill-Pastorali: "Il-kompromess idgħajjef il-fibra ta' ħajjitna, tal-familja u tas-soċjetà, iġib rovina fil-qalb tagħna u jkissrilna kull identità."

## 4.3. Biex dan ma jiġrix:

4.3.1. Irridu nkunu kattoliċi ppreparati.

4.3.2. Mill-Pastorali: "Inħossu l-urġenza ta' edukazzjoni soda fil-fidi li tagħmilna tassew insara adulti."

4.3.2.1. nimpenjaw ruħna għal katekeżi mit-tfulija sa l-età adulta

## 4.4. Kapaċità ta' dixxerniment: nagħrfu nagħżlu t-tajjeb mill-ħażin:

4.4.1. Mill-Pastorali: "Irid ikollna l-għerf u l-qawwa tad-dixxerniment. Dan ifisser li nibqgħu kapaċi nagħżlu

bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn dak li jagħmilna iżjed nies u dak li jisfigurana bħala poplu u bħala individwi."
***"Ippruvaw kollox: it-tajjeb żommuh u fuq kollox warrbu kull xorta ta' ħażen"*** (1 Tess 5,21)

4.4.2. Mill-Pastorali: "Għadha f'waqtha t-twissija ta' Isaija l-Profeta: ***'Gwaj għal dawk li jsejħu tajjeb il-ħażin u ħażin it-tajjeb, li jibdlu d-dlam mad-dawl, li jibdlu l-morr mal-ħelu u l-ħelu mal-morr'."*** (Is 5,20)

# 5. Niskopru mill-ġdid il-wiċċ u l-qalb ta' Alla

## 5.1. Alla hu mħabba:

5.1.1. Mill-Pastorali: *"Aħna nemmnu fl-imħabba ta' Alla li hi akbar minn kull ħażen u minn kull dnub.* ***"Minn dan inkunu nafu li ahna fil-verità, u quddiem Alla nserrhu l-kuxjenza tagħna, jekk il-kuxjenza ċċanfarna, għax Alla hu aqwa mill-kuxjenza tagħna, u hu jaf kollox"*** (1 Ġw 3, 19-20)

- Irridu niskopru li Alla jħobbna. Tlajna fi Knisja fejn dejjem qalulna biex inħobbu 'l Alla u forsi sal-lum qatt ma rriflettejna fit-tul kemm Alla qiegħed jħobbna. Wasal iż-żmien li 'l Alla nħalluh jiġbidna lejn bi ħbula ta' mħabba (Għos 11,4)

5.1.2. Neħtieġu l-qawwa li tiġi minn din l-imħabba biex inqumu u nimxu.

5.1.3. Neħtieġu din il-qawwa biex nintebħu li mhux kull għażla u kull stil ta' ħajja hi kompatibbli mal-fidi nisranija u mad-dixxipulat wara Kristu."
***"Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu"*** (Kol 2, 8)

- Ma nistgħux nkunu dixxipli ta' Kristu u nagħżlu ċerti stili ta' ħajja.
  ***"X'għandhom x'jaqsmu bejniethom il-ġustizzja u l-ħażen? X'xirka hemm bejn id-dawl u d-dlam? Xi ftehim hemm bejn Kristu u Beljar ix-xitan?"*** (2 Kor 6,14-15)

## 5.2. Kultura bla Alla

5.2.1. Mill-Pastorali: *"Alla hu injorat (imwarrab fil-ġenb). Ħafna jgħixu daqslikieku Alla ma jeżistix u l-kuxjenza ta' ħafna hija lluppjata.* Ara l-artiklu 'L-eklissi tal-kuxjenza fil-bniedem ta' żmienna' – Il-Ġens Illum, is-Sibt 11 ta' Frar 2006

5.2.2. Meta jiġri dan ħajtek ma tibqax tagħmel sens, il-ħajja titlef it-tifsira tagħha u tibda tagħlaq għajnejk għal kollox (adulterji, mentalità kontraċettiva fiż-żwieġ, nuqqas ta' talb ipprogrammat fil-familja, abort, qbil ma' drawwiet pagani fiż-żwieġ u fil-familja...

5.2.3. Meta jiġri dan, ma tibqax tara sens f'li ddur lejn Alla biex tfaħħru jew biex titolbu" (Salm 137). Tkun dawwart spalltek għalih (Ġer 2,27).

## 5.3. L-Istedina ta' dan ir-Randan:

5.3.1. Mill-Pastorali: *"Niskopru mill-ġdid il-wiċċ u l-qalb ta' Alla li jistgħu jagħtu ħafna sens lil ħajjitna.*
***"Imma kien meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu, għax dan ħuk kien mejjet u reġa' qam, kien mitluf u nstab"*** (Lq 15, 32)

5.3.2. Din hi stedina lil min iħossu fil-bogħod u stedina lill-insara impenjati biex jiskopru iżjed is-sens ta' missjoni lejn dawk li Alla ma jagħmilx sens f'ħajjithom."

## 5.4. Ir-riskju ta' soċjetà/persuna bla Alla:

5.4.1. Mill-Pastorali: *"F'soċjetà u kultura bla Alla hu l-istess bniedem li jispiċċa sfigurat u ferut."*

5.4.2. Anke fostna t-telfa tas-sens ta' Alla qed iżżid il-feruti u l-imweġġgħin, il-vittmi.

5.4.3. Dawn huma kollha sintomi ta' skjavitù."

5.4.4. Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-Eżortazzjoni Appostolika Post-Sinodali 'Rikonċiljazzjoni u Penitenza", jikteb: *"Is-'sekulariżmu', min-natura tiegħu stess u mit-tifsira li tingħatalu, hu moviment ta' fehmiet u ta' mġiba, li jħaddan 'umaniżmu', li jħalli'l Alla barra għalkollox; dan għax kollu kemm hu medhi fil-ħidma ħa jipproduċi l-ġid, imsaħħar mill-konsumiżmu u d-divertiment, bal ebda ħsieb fit-'telfien tar-ruħ'; hu għalhekk li jidgħajjef is-sens tad-dnub. Id-dnub għalhekk isir l-aktar xi għemil li joffendi lill-bniedem. U proprju minn hawn tiġi dik l-esperjenza qarsa li fuqha tkellimt fl-ewwel enċiklika tiegħi: "Il-bniedem jista' jibni dinja mingħajr Alla, imma din id-dinja fl-aħħar għad iddur kontra l-bniedem'. Għax tassew, Alla hu l-bidu u l-għan ewlieni tal-bniedem, li għnadu fih żerriegħa minn Alla. Għalhekk hu Alla li tassew juri, u jurih b'mod l-aktar ċar, il-misteru tal-bniedem. Għalhekk hi ħaġa fiergħa taħseb li se jkun hawn xi sens ta' dnub kontra l-bniedem u l-valuri tal-bniedem, jekk jonqos is-sens ta' offiża lil Alla, għax dan hu s-sens veru tad-dnub"* (n.18)

## 5.5. "Kunu ħbieb ta' l-Evanġelju": il-Kelma ta' Alla f'ħajjitna

5.5.1. Mill-Pastorali: *"Niskopru mill-ġdid il-qawwa tal-Kelma ta' Alla li tista' teħlisna minn dawn il-weġgħat u l-feriti."*

5.5.2. "Qum u imxi": l-istedina-l-offerta-is-sejħa ta' Pietru lit-tallab jerġgħu jtennuha l-Isqfijiet tagħna, lil kull bniedem, anke jekk hu mbiegħed:

5.5.3. Mill-Pastorali: *"Kull bniedem, anke jekk imbiegħed, jekk iħalli lil Kristu jersaq lejh u jmissu, dan isib il-fejqan.*

- Ir-ritorn għall-quddiesa tal-Ħadd, l-iskoperta mill-ġdid tas-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni u t-Tqarbin... il-Gruppi ta' formazzjoni nisranija

5.5.4. Mill-Pastorali: *"Dan hu l-impenn tagħna lkoll: li l-isem ta' Ġesù jkun magħruf aktar fostna, u li pajjiżna jkollu l-Knisja li tassew jenħtieġ" (u jibqa' magħqud magħha).*

## RANDAN 2008

# EŻERĊIZZI GĦAT-TFAL

# 1. Xi tridu? X'qed tfittxu?

**Mill-Ittra Pastorali:**

- F'mument sabiħ meta s-soċjetà u l-kultura tagħna għaddew u għaddejjin minn tibdil li xi drabi jista' jifxilna, nistħajlu lil Ġesù jdur lejna, kif darba dar fuq Indri u (id-dixxiplu l-ieħor) Xmun, u jagħmlilna l-mistoqsija: "Xi tridu?", "X'qegħdin tfittxu?"

***Introduzzjoni***
Storja jew video clip: *Pirates of the Carribean* jew *Alice in Wonderland.*

*Pirates of the Carribean:* Il-boxxla ta' Jack Sparrow dejjem turih id-direzzjoni ta' fejn jixtieq imur. Ħaġa sabiħa u effettiva. Iżda xi kultant ma kienx ikun kapaċi jiddeciedi liema post jippreferi dak il-ħin. Allura jibda jdur fil-vojt bla ma jmur imkien.

*Alice in Wonderland:* Iċ-ċkejkna Alice sabet ruħha f'salib it-toroq u ma kinitx taf liema triq se taqbad. Fil-qrib deher qattus u staqsietu: Minn liema triq ser ngħaddi? Jiddependi fejn trid tasal, qalilha l-qattus. Lanqas naf. Mela kull triq hi tajba. Imma nasal? Staqsietu Alice. X'imkien tasal, weġibha.

*Storja:* Wieħed tifel, Brandon kien sikwit igerger li ma kellux mobile bħal sħabu, ma kellux PSP, il-ġenituri ma ridux jixtrulu cd player għax jista' juża ta' ħuh. Allura kien qed iħossu inqas minn sħabu. Darba waħda raġel sinjur, li semgħu igerger, tħassru u ried jgħinu. Ftiehem miegħu biex is-Sibt ta' wara jmur sa għandu u jieħu minn għandu dak kollu li jirnexxielu jġorr. Għamillu kundizzjoni waħda: kellu biss nofs siegħa. Mad-daqq tal-qanpiena kellu joħroġ mill-kamra. Ftehmu li

jiltaqgħu fid-9.00 am. Is-Sibt wasal u Brandon għal darba kien qabel il-ħin. Fid-9.00 eżatt infetaħ il-bieb u, kif daħal ġewwa, ġab għajnejh wara widnejh b'dak li ra. Kien hemm l-aħħar logħob tal-PSP, home theatre b'elf dvd differenti, ħafna indoor games, posters tal-players tal-football mit-timijiet kollha tad-dinja, u bosta affarijiet oħra li kien rahom biss fil-ħolm. Infixel. Liema jabad jagħżel? Beda jippruvahom kollha għax ħaseb li kellu biżżejjed ħin. Iżda d-daqq tal-qanpiena ħasdu! Il-ħin kien skada u hu ma laħaq għażel xejn! Imdejjaq kien u aktar imdejjaq ħareġ.

*Aħna x'irridu? X'qegħdin infittxu?*

Tista' tistaqsi lit-tfal tal-grupp x'iridu u x'jixtiequ. Jew inkella tibbaża fuq dawn it-tweġibiet li taw il-membri tal-Kunsill tat-Tfal ta' Għawdex.

- li l-iskola ma tkunx daqshekk tqila u mpenjattiva.
- ħwejjeġ ta' l-aħħar moda u tad-ditta;
- ħruġ u divertiment;
- liberta' – nagħmel li rrid;
- kumdità;
- mobile, kompjuter, internet, mp4, u l-bqija;
- flus fil-but;
- li nagħlaq it-sittax-il sena
- min jifhmek;
- gwida għall-futur.

Imma minn dawn ix-xewqat kollha, liema taħseb li huma l-aktar importanti biex jgħinuk tikber u ssir raġel/mara fil-paċi miegħek innifsek u ma' l-oħrajn?

Il-katekist iwassal lit-tfal għall-konklużżjoni li biex nilħqu dan l-għan irridu nfittxu lil Ġesù.

Ir-Randan hu żmien tajjeb biex nerġgħu nsibu lill-Kristu bħala t-teżor ta' ħajjitna. Mill-Pastorali ta' l-Isqfijiet: " Ma nixtiqux li Randan wara l-ieħor nibqgħu nisimgħu l-Kelma ta' Alla bla ma nindunaw x'hemm f'ħajjitna li jista' jkun sejjer ħażin."

L-armi li toffrilna l-Knisja matul ir-Randan huma it-talb, is-sawm u l-karità. Il-Katekist jispjega fil-qosor dawn it-tlieta.

*Konklużjoni*
B'dawn l-armi f'idejna, mhux se jiġrilna bħal Jack Sparrow jew Alice in Wonderland. Imma se nkunu għażilna dak li hu ta' l-akbar ġid għalina: Ġesù Kristu. Se naħdmu kif nistgħu biex insibuh. Hekk ħajjitna tinbidel.

*Kant:* Sibt Teżor.

## 2. **Id-Dnub u l-ħniena ta' Alla.**

**Mill-Ittra Pastorali:**

- Ma nixtiequx li Randan wara l-ieħor nibqgħu nisimgħu l-Kelma ta' Alla bla ma nindunaw x'hemm f'ħajjitna li jista' jkun sejjer ħażin. Il-Mulej irid li nikkonvertu lejh għaliex bih u miegħu ħajjitna tista' tkun differenti u aħjar.

- Aħna nemmnu bis-sħiħ fl-imħabba ta' Alla li hi ikbar minn kull ħażen u minn kull dnub. Nemmnu bis-sħiħ fil-qawwa li tiġi minn din l-imħabba jekk u meta nifthu beraħ il-bibien ta' qalbna għaliha.

- "Agħmlu ħbieb ma' Alla".

*Storja:* Din hi leġġenda tal-poplu għarbi: Fil-bidu, Alla ħalaq kollox sabiħ u tajjeb. Kien hemm xmajjar, muntanji, u foresti mad-dinja kollha. Ma kien jeżisti l-ebda deżert. In-nies kienu jgħixu ħajja tajba ħafna. Kienu jifthemu bejniethom, jgħinu lil xulxin, jaqsmu kollox bejniethom. Kulħadd kien ferħan ħafna. Alla kien għamel patt mal-bnedmin li jekk ikomplu b'din il-ħajja tajba, id-dinja tibqa' sabiħa u fil-paċi. Iżda jekk jagħmlu l-ħażen hu kien se jitfa' ponn ramel mis-sema. Darba, kien hemm żewġ bdiewa li ġġiedlu fuq ir-raba' tagħhom u bdew jgħajru lil xulxin. Minnufih huma raw nieżel mis-sema trab fin ħamrani. In-

nies ma tantx taw kas għax qalu: *X'differenza se jagħmel dan il- ponn ramel?* U aktar ma għadda ż-żmien, aktar bdew joktru d-dnubiet. Min kien jiġġieled, min kien jitkellem ħażin, min kien jgħid kelma b'oħra, min kien jieħu l-affarijiet li mhux tiegħu, min kien jgħajar u l-bqija. U mis-sema, għal kull nuqqas, kien jinżel ponn ramel. Hekk, bil-mod il-mod, iffurmaw id-deżerti fid-dinja.

Staqsi: *Xi dnubiet għamlu dawn in-nies tal-leġġenda?*

Ikkonkludi: Mela d-dnub hu meta aħna ngħidu LE lil Alla li tant iħobbna.

Staqsi: *X'ġab id-dnub fuq in-nies tal-leġġenda?*

Ikkondludi: Ġab firda minn Alla u minn xulxin. Neħħa l-paċi u s-sbuħija li kienu jsaltnu. Kemm hi ħaġa kerha.

Ġesù ukoll qalilna storja tixbah lil din: il-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa. *(Lq 15)* In-nagħġa intilfet mir-ragħaj u mill-merħla. Bla ragħaj, ma kinitx taf fejn trid tmur, ma kelliex min jipprovdilha l-ikel, ma kelliex min jipproteġiha u jieħu ħsiebha, ma kelliex min iħobbha. Kienet weħidha u abbandunata. Iżda din l-istorja ma tiqafx hawn. Ir-ragħaj kien lest li jħalli d-disgħa u disgħin nagħġa biex imur ifittex dik mitlufa.

Gesu' tana s-sagrament tal-qrar biex nerġgħu insiru ħbieb ma' Alla u ma' xulxin. Biex inqerr sewwa tgħallimna li hemm ħames affarijiet li għandna nagħmlu. Niftakru xi waħda minnhom?

Nistgħu insemmu dawn il-ħames ħwejjeġ u nagħtu spjega qasira u sempliċi.

- *Naħseb dnubieti sewwa.*
- *Nindem minnhom.*
- *Nagħti kelma lil Alla li ma nerġax*
- *Inqerrhom kollha.*
- *Nagħmel it-tewba li jagħtini l-konfessur.*

Permezz tas-sagrament tar-rikonċiljazzojni, kull dnub jinħafer u jintesa'.

Storja: Ιewġt iħbieb kienu mexjin f'xatt il-baħar. F'ħin minnhom inqalgħet kwistjoni bejniethom u wieħed ta' daqqa ta' ponn lill-ieħor. Dak li laqqat id-daqqa ta' ponn qabad qasba u kiteb fir-ramel: *Illum, l-akbar ħabib tiegħi tani daqqa ta' ponn.* Komplew mexjin mingħajr ma jitkellmu. Waslu f'mogħdija fil-blat. Dak li kien laqqat id-daqqa ta' ponn żelaq u waqa' l-baħar. Sieħbu mill-ewwel qabeż għalih biex isalvah. Kif telgħu mill-baħar, dak li kien żelaq naqqax fil-blat: *Illum, l-akbar ħabib tiegħi salvali ħajti.* Sieħbu staqsih: *Għaliex meta tajtek daqqa ta' ponn ktibt fuq ir-ramel u meta salvajtlek ħajtek ktibt fuq il-blat?* Dak wieġbu: *Għax ta' fuq ir-ramel malajr titħassar u ta' fuq il-blat tibqa' għal dejjem.*

Hekk ukoll Ġesù, l-akbar ħabib tagħna: id-dnubiet li nagħmlu jinsihom wara li nkunu qerrejnihom. Imma t-tajjeb li nagħmlu jibqa' jiftakru għal dejjem.

*Kant:* Ġesù għalija hu l-aqwa ħabib.

## 3. Nagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin – id-dixxerniment

### Mill-Ittra Pastorali:

- Illum aħna nagħmlu parti integrali minn kontinent li għandu ħafna x'jagħtina – basta jkollna l-għerf u l-qawwa tad-dixxerniment biex nibqgħu kapaċi nagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn dak li jagħmilna iżjed nies u dak li jisfigurana bħala poplu u bħala individwi. It-twissija ta' Isaija l-Profeta nħossuha f'waqtha ħafna meta jgħid: "Gwaj għal dawk li jsejħu tajjeb il-ħażin, u ħażin it-tajjeb; u jibdlu d-dlam mad-dawl, li jibdlu l-morr mal-ħelu, u l-ħelu mal-morr" (Isaija 5, 20).

- Aħna wkoll bħala Maltin u Għawdxin għaddejjin minn mumenti storiċi meta dak li dejjem emminna qed jgħaddi mill-għarbiel ta' kif qed ngħixu bl-esiġenzi ta' llum. Sikwit ninfixlu xi rridu u x'qed infittxu u ma nibqgħux naraw sens fil-fidi li rċevejna. Qed nitfixklu dwar liema huma l-valuri li jistgħu iżommuna flimkien, u dwar liema huma l-virtujiet li jistgħu jżommuna fuq saqajna biex is-soċjetà tagħna tkun waħda li tassew tgħollina fid-dinjità u mhux tbaxxina u tirrendina vittmi.

**a. Ikona**: Ix-xbieha ta' l-għarbiel u l-qiegħa: l-għażla tat-tajjeb mill-ħażin

- Hi xbieha evanġelika: l-għażla tat-tajbin mill-ħżiena fl-Aħħar Jum tal-Ġudizzju
- Imma l-għażla ma tridx issir "fl-aħħar", imma kuljum: għax kuljum irridu nagħżlu jekk nagħmlux it-tajjeb jew il-ħażin

**b. Rakkont bibliku**: Adam u Eva u s-siġra ta' l-għerf (l-enfasi mhux fuq id-dnub, imma fuq il-kapaċità li nagħżlu dak li hu tajjeb)

- Kellhom ħafna frott tajjeb, kellhom ħafna fejn jagħżlu... imma kellhom xi ħaġa li ma kellhomx jagħmluha, kellhom siġra li ma setgħux jaqtgħu l-frott minnha"

**c. Fejn hu t-tajjeb? Kif se nagħżel?**

- **Nafu x'inhu t-tajjeb!**
  - Fuq livell ta' ikel... fuq livell ta' skola... fuq livell ta' ħwejjeġ... rigali... eċċ

- **Xi drabi jkun diffiċli tagħżel, għax ma tkunx taf**
  - Każ reċenti: bi żball, tarbija ta' ftit snin f'lukanda ingħatat tixrob l-aċċtu u ħarqet l-organs interni

- **Drabi oħra, pero', ikun hemm min irid jidħaq bina, jew għax irid "ibiegħ" l-oġġetti tiegħu, jew għax irid iġagħlna nimxu mal-moda:**
    - **Rakkont**: Esopu: il-ħmar li libes ġild ta' ljun

    - **Rakkont**: Khalil Gibran: The Good God and the Evil God

The Good God and the Evil God met on the mountain top. The Good God said, "Good day to you, brother." The Evil God made no answer. And the Good God said, "You are in a bad humour today." "Yes," said the Evil God, "for of late I have been often mistaken for you, called by your name, and treated as if I were you, and it ill-pleases me." And the Good God said. "But I too have been mistaken for you and called by your name." The Evil God walked away cursing the stupidity of man.

- Meta mmorru nixtru minn ħanut, noqogħdu attenti għall-informazzjoni u l-expirey date!
    - Ma rridux nieklu dak li jista' jagħmlilna l-ħsara!

**d. Importanti li nkunu nafu "il-ħwejjeġ ta' Alla": inkunu "ħbieb ta' Alla"**

- **Mill-Ittra Pastorali**
  Neħtieġu evanġelizzazzjoni ġdida u katekeżi solida biex il-fidi tagħna ma ssir qatt fidi tal-qoxra mifruda mill-mod kif ngħixu.
  Inwiegħdu li se naħdmu b'impenn serju għal katekeżi soda f'kull livell, mit-tfulija fl-iskejjel u l-parroċċi sa l-età adulta.

- **Il-formazzjoni reliġjuża: il-katekeżi**
    - Mhux għal meta nkunu tfal biss
    - Lil Ġesù se nkunu ħbieb tiegħu meta nkunu żgħar biss?!
    - Kif qed noqogħdu waqt it-tagħlim tal-katekeżi?

- **Għajnuna biex "nitgħallmu"**
    - Il-Kmandamenti bħala gwida morali

  - L-”għalliema tajba”: ġenituri, katekisti, għalliema ta’ l-iskola i. It-Televiżjoni hi għalliema tajba?
  - Id-direzzjoni spiritwali

# 4. Nimxu wara Ġesù – il-vokazzjoni

## a. Mill-Ittra Pastorali:

- Neħtieġu din il-qawwa biex inqumu u nimxu u biex nintebħu li mhux kull għażla u kull stil ta’ ħajja huma kompatibbli mal-fidi nisranija u mad-**dixxipulat wara Ġesù**.

## b. X’ jfisser ”dixxipulat”?

- Qabel ma ġew l-iskejjel u l-universitajiet, it-tagħlim ta’ sengħa kien isir ma’ ”mgħallem”, billi dak li jkun joqgħod miegħu, jara kif jaħdem, jisma’ kliemu, u jagħmel bħall-imgħallem tiegħu biex ”jieħu s-sengħa tiegħu”

- Mill-Vanġelu: dawk li ġew imsejħa minn Ġesù, dawk li għarfu f’Ġesù il-mibgħut ta’ Alla u xtaqu ”joqogħdu miegħu” – ara Ġw 1,39

## ċ. Min huma d-dixxipli?

- Min irid jgħix ta’ nisrani...
- Ġesù: jien it-triq, il-verità u s-sewwa: min jimxi warajja...
- Xi jfisser timxi wara Ġesù?

  - Sejħa għall-qdusija
  - Sejħa għall-missjoni

**d. Is-Sejħa għall-qdusija**

- Il-Qaddisin huma dawk li mxew wara Ġesù, li kienu l-aqwa dixxipli – San Ġorġ Preca
- Jista' tifel/tifla jsiru qaddisin?
    - L-istorja ta' Nennolina (Antonietta Meo)
    - Ara http://www.nennolina.it/bio_index_EN.htm

**e. Is-Sejħa għall-Missjoni**

- Xi tfisser "Missjoni"? Mill-missjoni "ad gentes" għall-apostolat
- Aħna kollha "ġebel ħaj" fil-binja li hi l-Knisja, u fl-istess waqt aħna lkoll "bennejja"
- Rakkont-leġġenda: Hans Brinker, tifel li salva l-Olanda minn għargħar
- Ara http://members.chello.nl/m.jong9/map12/hansbrinker.html
- It-tfal jistgħu jagħmlu xogħol ta' appostli?
    - L-ambejnt tad-dar u ta' l-iskola: l-eżempju, l-għajnuna ma' sħabhom, l-attenzjoni għal min għandu xi diżabilità, jiġi mwarrab, jew bullied, eċċ
    - Il-Ministeri fil-Knisja: eżempju kant, abbatini, eċċ
    - Fl-għaqdiet ta' Apostolat

**f. Il-"Vokazzjoni": is-sejħa biex nimxu wara Ġesù**

- Mill-Vanġelu (Mt 9,35-38)
  Ġesù dar l-ibliet kollha u l-irħula jgħallem fis-sinagogi, ixandar l-Evanġelju tas-Saltna, u jfejjaq kull xorta ta' mard u 'l kull min kien nieqes minn saħħtu. Ra n-nies u tħassarhom, għax kienu mdejjqa u mitluqa bħal nagħaġ bla ragħaj. Mbagħad qal lid-dixxipli tiegħu: "Il-ħsad huwa kbir, iżda l-ħaddiema ftit. Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu."

- Is-sejħa għas-saċerdozju, għall-ħajja reliġjuża, għall-ħajja kkonsagrata

## 5. It-Talb – *Laqgħa ta' talb*

**Mill-Ittra Pastorali:**

- It-talb, is-sawm, u l-karità huma tliet armi li l-Knisja sa mill-bidu tal-istorja tagħha poġġiet quddiemna għax biex tagħmel it-tajjeb trid tikkumbatti u trid tkun b'saħħtek biżżejjed spiritwalment. Mingħajr il-qawwa li tiġi minn Alla, inkunu dgħajfa. U jkun faċli ninġarru mill-kurrent u l-fidi tagħna tisfa fix-xejn.

*Introduzzjoni*
Il-ġrajja ta' Samwel fit-Testment il-Qadim li sema' lil Alla jkellmu fis-skiet ta' qalbu, u l-qassis Eli urieh kif għandu jwieġeb. Ara 1 Samwel, 3.

*Titlob ifisser tikkomunika ma' Alla:* titkellem miegħu, tisimgħu ikellmek u twieġeb.

*Titkellem miegħu: x'se ngħidulu lil Ġesù?*

*Thank you – Grazzi:* Eżempju: il-ġrajja ta' l-għaxar imġiddma (Lq 17). Għal xiex għandna nirringrazzjaw lil Ġesù? Min jixtieq jista' jgħid xi talba qasira ta' ringrazzjament u kulħadd iwieġeb: *Grazzi Sinjur Alla.*

*Sorry – Aħfrili:* Eżempju: il-ġrajja tal-ħalliel it-tajjeb li minn fuq is-salib talab maħfra lil Ġesù. Għal xiex għandna nitolbu maħfra lil Ġesù? Min jixtieq jista' jgħid xi talba qasira ta' maħfra u kulħadd iwieġeb: *Aħfirli Sinjur Alla.*

*Please – Jekk jogħġbok:* Eżempju: rakkont ta' xi miraklu bħal ta' l-għama ta' Ġeriko (Lq, 18) li talab lil Ġesu biex ifejqu. X'għandna bżonn nitolbu lil Ġesù? Għal min nistgħu nitolbu? Min jixtieq jista' jgħid xi talba qasira u kulħadd iwieġeb: *Mulej ismagħna.*

*Tisimgħu ikellmek: Kif u fejn?*

Staqsi: *Il-Mulej x'ħin kellmu lil Samwel?* X'ħin kien fis-skiet. Biex tisma' lill-Mulej trid tkun fis-skiet.

Staqsi: *Kif ikellemna l-Mulej?* Permezz tal-Bibbja, tal-ġenituri tiegħek, tas-saċerdoti, tal-katekisti jew persuni oħra.

Inħallu mumenti ta' talb fis-skiet. Tista' toħloq ambjent billi tbaxxi d-dawl u tħalli d-dawl fuq xbieha reliġjuża, possibilment il-Kurċifiss.

*Twieġeb:*

Staqsi: *Kif wieġeb Samwel?* Kien Eli li għenu jwieġeb: Tkellem Mulej, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'.

Staqsi: *Aħna kif nistgħu inwieġbu għas-sejħa tal-Mulej:* Billi nagħmlu t-tajjeb u naħarbu l-ħażin u nobdu lil dawk li jieħdu ħsiebna.

Fl-aħħar, tingħata tifkira lil kulħadd li tista' tkun proponiment fuq *card* bħala tweġiba għas-sejħat ta' Alla. Xi eżempji jistgħu ikunu: *Nipproponi li nobdi aktar lill-ġenituri tiegħi. Nipproponi li ngħid talba lil Ġesù kuljum qabel norqod. Nipproponi li nkun ħabib/a tajjeb ma. sħabi.*

Il-laqgħa tikkonkludi bil-kant tal-*Missierna* u bil-barka tas-saċerdot.